



Dokument ta' sessjoni

A9-0337/2021

6.12.2021

*****I**

IT-TIENI RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess ta' prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi għas-suq intern tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni u l-proċeduri li jappoġġjaw in-negozjati marbuta mal-aċċess tal-prodotti u s-servizzi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist pubbliku ta' pajjiżi terzi
(COM(2016)0034 – C9-0018/2016 – 2012/0060(COD))

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

Rapporteur: Daniel Caspary

Rapporteurs għal opinjoni (*):
Ivan Štefanec, Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur,

(*) Kumitat assoċjati – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
NOTA SPJEGATTIVA	59
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR	64
ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET LEGALI.....	93
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI	96
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	97

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess ta' prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi għas-suq intern tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni u l-proċeduri li jappoġġjaw in-negozjati marbuta mal-aċċess tal-prodotti u s-servizzi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist pubbliku ta' pajjiżi terzi (COM(2016)0034 – C9-0018/2016 – 2012/0060(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2012)0124) u l-proposta emendata (COM(2016)0034),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0018/2016),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 59 u 60 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0454/2013),
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tas-16 ta' Ottubru 2019 dwar ħidma mhux mitmuma mit-tmien leġiżlatura parlamentari,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur,
 - wara li kkunsidra l-ittra mingħand il-Kumitat għall-Affarijiet Legali,
 - wara li kkunsidra t-tieni rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A9-0337/2021),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

**Proposta għal regolament
It-titolu tar-Regolament**

Test propost mill-Kummissjoni

Proposta emendata għal
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT
EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-
aċċess ta' prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi
għas-suq **intern** tal-akkwist **pubbliku** tal-
Unjoni u l-proċeduri li jappoġġjaw in-
negozjati marbuta mal-aċċess tal-prodotti u
s-servizzi tal-Unjoni għas-swieq tal-
akkwist **pubbliku** ta' pajjiżi terzi

Emenda

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT
EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-
aċċess ta' **operaturi ekonomiċi**, prodotti u
servizzi ta' pajjiżi terzi għas-suq tal-
akkwist tal-Unjoni u l-proċeduri li
jappoġġjaw in-negozjati marbuta mal-
aċċess tal-**operaturi ekonomiċi**, il-prodotti
u s-servizzi tal-Unjoni għas-swieq tal-
akkwist ta' pajjiżi terzi

Emenda 2

**Proposta għal regolament
Premessa 5**

Test propost mill-Kummissjoni

**(5) Il-Ftehim plurilaterali rivedut tad-
WTO dwar l-Akkwist Pubbliku jipprevedi
biss aċċess tas-suq limitat għall-kumpaniji
tal-Unjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma'
swieq tal-akkwisti pubbliċi ta' pajjiżi terzi
u japplika biss għal għadd limitat ta'
Membri tad-WTO, li huma partijiet għal
dak il-Ftehim. Il-Ftehim rivedut dwar l-
Akkwist Pubbliku ġie konkluż mill-Unjoni
f'Diċembru 2013.**

Emenda

imħassar

Emenda 3

**Proposta għal regolament
Premessa 6**

Test propost mill-Kummissjoni

**(6) Fil-kuntest tad-WTO u permezz tar-
relazzjonijiet bilaterali tagħha, l-Unjoni
saħqet fuq ftuħ ambizzjuż tas-swieq**

Emenda

**(6) Fil-kuntest tad-WTO u permezz tar-
relazzjonijiet bilaterali tagħha, l-Unjoni
saħqet fuq ftuħ ambizzjuż tas-swieq**

internazzjonali tal-akkwist **pubbliku** tal-Unjoni u s-sħab kummerċjali tagħha, fi spirtu ta' reċiproċità u benefiċċju reċiproku.

internazzjonali tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni u s-sħab kummerċjali tagħha, fi spirtu ta' reċiproċità u benefiċċju reċiproku

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) Il-Ftehim plurilaterali tad-WTO dwar l-Akkwist Pubbliku u l-ftehimiet kummerċjali tal-UE li jinkludu dispożizzjonijiet dwar l-akkwist jipprevedu aċċess għas-suq għall-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni biss għas-swieq tal-akkwist ta' pajjiżi terzi li huma partijiet għal dawk il-ftehimiet.

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7) Jekk **il-pajjiż ikkonċernat** huwa Parti għall-Ftehim tad-WTO dwar l-Akkwist Pubbliku jew ikkonkluda ftehim dwar il-kummerċ mal-UE li jinkludi dispożizzjonijiet dwar l-akkwist **pubbliku**, il-Kummissjoni għandha ssegwi l-mekkaniżmi ta' konsultazzjoni u/jew proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim stabbiliti **f'dak il-ftehim** meta l-prattiki restrittivi jkunu marbuta ma' akkwist kopert minn impenji għall-aċċess għas-suq li ttieħdu **mill-pajjiż ikkonċernat** fir-rigward tal-Unjoni.

(7) Jekk **pajjiż terz** huwa Parti għall-Ftehim tad-WTO dwar l-Akkwist Pubbliku jew ikkonkluda ftehim dwar il-kummerċ mal-UE li jinkludi dispożizzjonijiet dwar l-akkwist, il-Kummissjoni jenħtieġ li ssegwi l-mekkaniżmi ta' konsultazzjoni u/jew proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim stabbiliti **f'dawk il-ftehimiet** meta l-prattiki restrittivi jkunu marbuta ma' akkwist kopert minn impenji għall-aċċess għas-suq li ttieħdu minn **dak il-pajjiż terz** fir-rigward tal-Unjoni.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Bosta pajjiżi terzi jsibuha bi tqila sabiex jiftħu s-swieq tal-akkwist **pubbliku** u l-konċessjonijiet **tagħhom** għall-kompetizzjoni internazzjonali jew li jiftħu dawk is-swieq aktar milli diġà għamlu. Bħala riżultat ta' dan, l-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni jaffrontaw Prattiki restrittivi tal-akkwist mingħand bosta **sħab** kummerċjali tal-Unjoni. Dawk il-prattiki restrittivi tal-akkwist iwasslu għal telf f'opportunitajiet importanti ta' kummerċ.

Emenda 7

**Proposta għal regolament
Premessa 9**

Test propost mill-Kummissjoni

(9) **Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶ tinkludi biss ftit dispożizzjonijiet dwar id-dimensjoni esterna tal-politika tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikoli 85 u 86 . Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom kamp ta' applikazzjoni limitat u għandhom jinbidlu.**

¹⁶ **Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).**

Emenda 8

**Proposta għal regolament
Premessa 10**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8) Bosta pajjiżi terzi jsibuha bi tqila sabiex jiftħu s-swieq tal-akkwist u l-konċessjonijiet tagħhom għall-kompetizzjoni internazzjonali jew li jiftħu dawk is-swieq aktar milli diġà għamlu. Bħala riżultat ta' dan, l-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni jaffrontaw Prattiki restrittivi tal-akkwist mingħand bosta **sħab** kummerċjali tal-Unjoni. Dawk il-prattiki restrittivi tal-akkwist iwasslu għal telf f'opportunitajiet importanti ta' kummerċ.

Emenda

imħassar

(10) Ir-Regolament (UE) Nru 654/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁷ jistipula r-regoli u l-proċeduri sabiex jiżgura l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni taħt il-ftehimiet kummerċjali internazzjonali konklużi mill-Unjoni. Ma jeżistu l-ebda regoli u proċeduri għat-trattament ta' prodotti u servizzi li mhumiex koperti minn ftehimiet internazzjonali bħal dawn.

¹⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 654/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' regoli kummerċjali internazzjonali u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3286/94 li jistabbilixxi l-proċeduri tal-Komunità fil-qasam ta' politika kummerċjali komuni sabiex jiżgura l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Komunità skont ir-regoli internazzjonali tal-kummerċ, b'mod partikolari dawk stabbiliti taħt l-awspiċċi tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 50.)

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) ***Fl-interess taċ-ċertezza legali għall-operaturi ekonomiċi, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti tal-Unjoni u pajjiżi terzi***, l-impenji għall-aċċess għas-suq internazzjonali li ttieħdu mill-Unjoni fil-konfront ta' pajjiżi terzi fil-qasam tal-akkwist ***pubbliku*** u l-konċessjonijiet ***għandhom ikunu riflessi fl-ordni legali tal-UE***, u ***b'hekk jiżguraw l-applikazzjoni effettiva tagħhom***.

(10) Ir-Regolament (UE) Nru 654/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ jistipula r-regoli u l-proċeduri sabiex jiżgura l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni taħt il-ftehimiet kummerċjali internazzjonali konklużi mill-Unjoni. Ma jeżistu l-ebda regoli u proċeduri ***ta' dan it-tip*** għat-trattament ta' ***operaturi ekonomiċi***, prodotti u servizzi li mhumiex koperti minn ftehimiet internazzjonali bħal dawn.

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 654/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' regoli kummerċjali internazzjonali u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3286/94 li jistabbilixxi l-proċeduri tal-Komunità fil-qasam ta' politika kummerċjali komuni sabiex jiżgura l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Komunità skont ir-regoli internazzjonali tal-kummerċ, b'mod partikolari dawk stabbiliti taħt l-awspiċċi tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 50).

Emenda

(11) L-impenji għall-aċċess għas-suq internazzjonali li ttieħdu mill-Unjoni fil-konfront ta' pajjiżi terzi fil-qasam tal-***akkwist u l-konċessjonijiet jeħtieġu, fost l-oħrajn, it-trattament ugwali tal-operaturi ekonomiċi minn dawk il-pajjiżi***. ***Konsegwentement, il-miżuri adottati skont dan ir-Regolament jistgħu japplikaw biss għal operaturi ekonomiċi, prodotti jew servizzi minn pajjiżi li mhumiex partijiet għall-Ftehim plurilaterali tad-WTO dwar l-Akkwisti Pubbliċi jew għal ftehimiet kummerċjali bilaterali jew multilaterali***

mal-Unjoni li jinkludu impenji dwar l-aċċess għas-swieq tal-akkwist u tal-konċessjonijiet, jew minn pajjiżi li huma partijiet għal tali ftehimiet iżda biss fir-rigward ta' proċeduri ta' akkwist għal prodotti, servizzi jew konċessjonijiet li mhumiex koperti minn dawk il-ftehimiet. Irrispettivament mill-applikazzjoni tal-miżuri adottati skont dan ir-Regolament, u f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Lulju 2019 dwar "Gwida dwar il-parteċipazzjoni ta' offerenti u prodotti minn pajjiżi terzi fis-suq tal-akkwist tal-UE"^{1a} u skont id-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE u 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, operaturi ekonomiċi minn pajjiżi terzi li m'għandhom ebda ftehim li jipprevedi l-ftuħ tas-suq tal-akkwist tal-UE jew li l-prodotti, is-servizzi u x-xogħlijiet tagħhom mhumiex koperti minn ftehim bħal dan, ma għandhomx aċċess garantit għall-proċeduri ta' akkwist fl-UE, u jistgħu jiġu esklużi.

^{1a} C(2019) 5494 final

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) *L-għanijiet ta' titjib fl-aċċess tal-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist **pubbliku** u tal-konċessjonijiet ta' ċertu pajjiżi terzi **mħarsa minn miżuri jew prattiki restrittivi u diskriminatorji tal-akkwist u li jinżammu kundizzjonijiet ekwi għall-kompetizzjoni fis-suq intern jeħtieġu li jirreferu għar-regoli ta' oriġini nonpreferenzjali stabbiliti fil-leġiżlazzjoni doganali tal-UE, biex b'hekk l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jkunu jafu jekk il-prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi li humiex koperti mill-impenji***

Emenda

(12) *L-applikazzjoni effettiva ta' kwalunkwe miżura adottata skont dan ir-Regolament **bil-ħsieb ta'** titjib fl-aċċess tal-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist u tal-konċessjonijiet ta' ċertu pajjiżi terzi **teħtieġ sett ċar ta' regoli ta' oriġini għall-operaturi ekonomiċi**, il-prodotti u s-servizzi.*

internazzjoni tal-Unjoni.

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) L-orìgini ta' prodott għandha tkun iddeterminata skont l-Artikolu 22 sa 26 tar-Regolament *tal-Kunsill (KEE)* Nru 2913/1992⁵.

⁵ *Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/1992 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 302, 9.10.1992, p. 1).*

Emenda

(13) L-orìgini ta' prodott għandha tkun iddeterminata skont l-Artikolu 59 sa 62 tar-Regolament *(UE)* Nru 952/2013⁵*tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.*

⁵ *Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1)*

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) L-orìgini ta' servizz għandha tkun determinata skont l-orìgini tal-persuna fiżika jew ġuridika li tkun qed tipprovdieh.

Emenda

(14) L-orìgini ta' servizz għandha tkun determinata skont l-orìgini tal-persuna fiżika jew ġuridika li tkun qed tipprovdieh. *L-orìgini ta' persuna ġuridika jenħtieġ li jiġi kkunsidrat li jkun il-pajjiżi li taħt il-liġijiet tiegħu tkun ikkostitwita jew organizzata l-persuna ġuridika u li fit-territorju tiegħu il-persuna ġuridika tkun impenjata f'operazzjonijiet sustanzjali ta' negozju. Il-kriterju tal-operazzjonijiet sustanzjali ta' negozju jenħtieġ li ma jippermettix iċ-ċirkomvenzjoni potenzjali ta' kwalunkwe miżura adottata skont dan ir-Regolament permezz tal-ħolqien ta' kumpaniji fittizji. It-terminu "operazzjonijiet sustanzjali ta' negozju" huwa kunċett użat fil-Ftehim Ġenerali tad-WTO dwar il-Kummerċ fis-Servizzi.*

Fil-liġi tal-Unjoni, dan it-terminu huwa ekwivalenti għat-terminu "rabta effettiva u kontinwa mal-ekonomija" u huwa marbut mill-qrib mad-dritt ta' stabbiliment stipulat fl-Artikolu 49 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni tippubblika regolarment linji gwida bbażati fuq il-ġurisprudenza relatata mad-dritt ta' stabbiliment, li jindirizzaw, fost l-oħrajn, il-kunċett ta' rabta effettiva jew stabbli u kontinwa mal-ekonomija. L-Artikolu 86 tad-Direttiva 2014/25/UE jirreferi wkoll għall-kunċett ta' "rabta diretta u effettiva mal-ekonomija" li huwa ekwivalenti għall-kunċett ta' "operazzjonijiet sustanzjali ta' negozju".

Emenda 13

Proposta għal regolament Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15) Fid-dawl tal-oġettiv tal-politika ġenerali tal-Unjoni li tappoġġja t-tkabbir ekonomiku tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-integrazzjoni tagħhom fil-katina tal-valur globali, li hija l-bażi għat-twaqqif min-naħa tal-Unjoni ta' sistema ġeneralizzata ta' preferenzi kif enfasizzat fil-qosor fir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, dan ir-Regolament ma għandux japplika għal offerti li fihom aktar minn 50% tal-valur totali tal-offerta ikun magħmul minn prodotti u servizzi li joriġinaw, skont ir-regoli mhux preferenzjali tal-Unjoni dwar l-oriġini, fil-pajjiżi l-anqas żviluppati li jibbenefikaw minn tal-arranġament "Kollox ħliet Armi" jew minn pajjiżi li qed jiżviluppaw ikkunsidrati vulnerabbli minħabba nuqqas ta' diversifikazzjoni u integrazzjoni insuffiċjenti fis-sistema ta' kummerċ internazzjonali kif definit rispettivament fl-Annessi IV u VII tar-

imħassar

Regolament (UE) Nru 978/2012.

Ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 (ĠU L 303, 31.10.2012, p. 1).

Emenda 14

**Proposta għal regolament
Premessa 16**

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Fid-dawl tal-objettiv ġenerali tal-politika tal-Unjoni li tappoġġja l-intrapriżi żgħar u medji, dan ir-Regolament ma għandux japplika anke għal offerti ppreżentati minn SMEs stabbiliti fl-Unjoni u impenjati f'operazzjonijiet sostantivi ta' negozju b'rabta diretta u effettiva mal-ekonomija ta' mill-anqas Stat Membru wieħed.

Emenda

imħassar

Emenda 15

**Proposta għal regolament
Premessa 17**

Test propost mill-Kummissjoni

*(17) Meta tkun qed tivvaluta jekk jeżistux miżuri jew prattiki ta' **akkwist restrittivi u/jew diskriminatorji** f'pajjiż terz, il-Kummissjoni għandha teżamina, sa liema livell il-liġijiet dwar l-akkwist pubbliku u l-konċessjonijiet tal-pajjiż ikkonċernat jiżguraw trasparenza f'konformità mal-istandards internazzjonali **fil-qasam tal-akkwist pubbliku u jipprekludu kwalunkwe diskriminazzjoni** kontra prodotti, servizzi u operaturi ekonomiċi tal-Unjoni. Minbarra dan, għandha teżamina sa liema livell l-*

Emenda

*(17) Meta tkun qed tivvaluta jekk jeżistux miżuri jew prattiki **speċifiċi** f'pajjiż terz **li jistgħu jirriżultaw f'indeboliment tal-aċċess ta' prodotti, servizzi jew operaturi ekonomiċi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist jew tal-konċessjonijiet**, il-Kummissjoni jenħtieġ li teżamina, sa liema livell il-liġijiet, **regoli jew miżuri oħra** dwar l-akkwist u l-konċessjonijiet tal-pajjiż ikkonċernat jiżguraw trasparenza f'konformità mal-istandards internazzjonali, u **ma jirriżultawx f'restrizzjonijiet serji u rikorrenti** kontra*

awtoritajiet kontraenti individwali jew entitajiet kontraenti jżommu jew jadottaw prattiki **diskriminatorji** fir-rigward ta' prodotti, servizzi **u** operaturi ekonomiċi tal-Unjoni.

prodotti, servizzi **jew** operaturi ekonomiċi tal-Unjoni. Minbarra dan, jenħtieġ li teżamina sa liema livell l-awtoritajiet kontraenti individwali jew entitajiet kontraenti jżommu jew jadottaw prattiki **restrittivi** fir-rigward ta' prodotti, servizzi **jew** operaturi ekonomiċi tal-Unjoni.

Emenda 16

Proposta għal regolament Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) Il-Kummissjoni għandha tkun tista', **fuq inizzjattiva tagħha stess jew fuq talba ta' partijiet interessati jew ta' Stat Membru**, li, fi kwalunkwe mument, tibda investigazzjoni fir-rigward ta' miżuri jew prattiki restrittivi tal-akkwist li allegatament ikunu adottati jew għadhom fis-seħħ f'pajjiż terz. **Tali proċeduri investigattivi għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għar-Regolament UE) Nru 654/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.**

Emenda

(19) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' fi kwalunkwe mument tibda investigazzjoni **trasparenti** fir-rigward ta' miżuri jew prattiki restrittivi jew **diskriminatorji** tal-akkwist li allegatament ikunu adottati jew għadhom fis-seħħ f'pajjiż terz, **jekk hi tqis li investigazzjoni ta' dan it-tip tkun fl-interess tal-Unjoni.**

Emenda 17

Proposta għal regolament Premessa 19a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(19a) Id-determinazzjoni dwar jekk investigazzjoni hix fl-interess tal-Unjoni jenħtieġ li tkun ibbażata fuq apprezzament tal-interessi varji kollha meħuda globalment, inklużi l-interessi tal-industrija tal-Unjoni, l-utenti, il-konsumaturi, il-ħaddiema u l-imsieħba soċjali. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżen il-konsegwenzi tal-ftuħ jew le ta' investigazzjoni kontra l-impatt tagħha, u l-miżuri potenzjali li jistgħu jiġu adottati skont dan ir-Regolament, fl-interessi usa' tal-Unjoni. L-objettiv ġenerali li tinkiseb

reċiproċità bil-ftuħ tas-swieg ta' pajjiżi terzi u t-titjib tal-opportunitajiet ta' aċċess għas-suq għall-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni jenħtieġ li jingħata kunsiderazzjoni speċjali, u f'dak il-kuntest tista' titqies il-preżenza ta' offerenti minn pajjiżi terzi fis-suq tal-akkwist tal-UE. Jenħtieġ li jitqies ukoll l-objettiv li jiġi limitat kwalunkwe piż amministrattiv mhux meħtieġ għall-awtoritajiet kontraenti, l-entitajiet kontraenti u l-operaturi ekonomiċi. jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari lis-setturi meqjusa bħala strateġiċi fir-rigward tal-akkwist pubbliku tal-UE.

Emenda 18

Proposta għal regolament Premessa 19b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(19b) Minħabba l-objettiv ġenerali tal-politika tal-Unjoni li tappoġġa t-tkabbir ekonomiku tal-pajjiżi l-anqas żviluppatti (LDCs), tal-pajjiżi bi dħul baxx u baxx-medju, u l-integrazzjoni tagħhom fil-ktajjen tal-valur globali, ma jkunx fl-interess tal-Unjoni li tibda investigazzjoni kontra dawn il-pajjiżi skont dan ir-Regolament, sakemm ma jkunx hemm indikazzjonijiet raġonevoli ta' ċirkomvenzjoni ta' kwalunkwe miżura IPI adottata. Konsegwentement, dan ir-Regolament mhuwiex maħsub biex japplika għal-LDCs li jibbenefikaw mill-arranġament "Kollox ħlief Armi", il-pajjiżi li qed jiżviluppaw meqjusa vulnerabbli minħabba nuqqas ta' diversifikazzjoni u integrazzjoni insuffiċjenti fis-sistema kummerċjali internazzjonali, kif definit fir-Regolament (UE) Nru 978/2012, kif ukoll għall-pajjiżi benefiċjarji tal-arranġament ġenerali msemmi f'dak ir-Regolament, sakemm l-ekonomija ta' tali pajjiżi ma titqiesx li hija

Emenda 19

**Proposta għal regolament
Premessa 20**

Test propost mill-Kummissjoni

(20) ***Miżura jew Prattika restrittiva u/jew diskriminatorja ta' akkwist f'pajjiż terz tkun ikkonfermata***, il-Kummissjoni għandha tistieden lill-pajjiż ikkonċernat jidħol f'konsultazzjonijiet bil-għan li jtejjeb l-opportunitajiet għal offerti ta' operaturi, prodotti u servizzi ekonomiċi tal-Unjoni ***fir-rigward*** tal-akkwist f'dak il-pajjiż.

Emenda

(20) ***Meta tkun qed twettaq l-investigazzjoni***, il-Kummissjoni jenħtieġ li tistieden lill-pajjiż ***terz*** ikkonċernat biex jidħol f'konsultazzjonijiet bil-ħsieb li tiġi ***eliminata u rrimedjata kwalunkwe miżura jew Prattika restrittiva u li effettivament*** jittejbu l-opportunitajiet ta' offerti għal operaturi ekonomiċi, prodotti u servizzi tal-Unjoni ***fir-rigward tas-swieq*** tal-akkwist ***u l-konċessjonijiet*** f'dak il-pajjiż.

Emenda 20

**Proposta għal regolament
Premessa 22**

Test propost mill-Kummissjoni

(22) Jekk il-konsultazzjonijiet mal-pajjiż ikkonċernat ma jwasslux għal titjib ***suffiċjenti*** fl-opportunitajiet għal offerti ta' operaturi ekonomiċi, prodotti u servizzi tal-Unjoni f'perjodu ta' żmien raġonevoli, il-Kummissjoni għandha tkun kapaċi tadotta, ***fejn xieraq, miżura ta' aġġustament tal-prezzijiet li tapplika għal offerti ppreżentati mill-operaturi ekonomiċi li joriġinaw minn dak il-pajjiż u/jew li tinkludi prodotti u servizzi li joriġinaw f'dak il-pajjiż.***

Emenda

(22) Jekk ***l-investigazzjoni tikkonferma l-eżistenza tal-miżuri jew Prattiki restrittivi u*** l-konsultazzjonijiet mal-pajjiż ikkonċernat ma jwasslux għal ***azzjonijiet korrettivi sodisfaċenti li jirriżultaw fl-irrimedjar effettiv tal-indeboliment serju u rikorrenti tal-aċċess*** għall-operaturi ekonomiċi, il-prodotti u s-servizzi tal-Unjoni f'perjodu ta' żmien raġonevoli, ***jew meta l-pajjiż terz ikkonċernat jirrifjuta li jtingaġġa f'konsultazzjonijiet***, il-Kummissjoni għandha tadotta, ***fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, miżuri IPI fil-forma ta' aġġustament tal-punteġġ jew fil-forma ta' esklużjoni tal-offerti.***

Emenda 21

Proposta għal regolament Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

(23) Tali miżuri għandhom jiġu applikati biss għall-fini li jevalwaw l-offerti, li jikkonsistu fi prodotti jew servizzi li joriġinaw mill-pajjiż ikkonċernat. Sabiex tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni ta' dawk il-miżuri, jista' wkoll ikun meħtieġ li jkunu mmirati ċerti persuni ġuridiċi kkontrollati minn barranin jew bi sjieda barranija li, għalkemm stabbiliti fl-Unjoni Ewropea, mhumiex impenjati f'operazzjonijiet sostantivi ta' negozju li għandhom rabta diretta u effettiva mal-ekonomija ta' mill-inqas Stat Membru kkonċernat. Miżuri xierqa ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbel mal-prattiki restrittivi tal-akkwist li ġew adottati b'reazzjoni għalihom.

Emenda 22

Proposta għal regolament Premessa 23a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(23) Miżura ta' aġġustament tal-punteġġi jenħtieġ li tiġi applikata biss għall-fini tal-evalwazzjoni l-offerti ppreżentati mill-operaturi ekonomiċi li joriġinaw fil-pajjiż ikkonċernat. Dan jenħtieġ li ma jaffettwax il-prezz li attwalment irid jitħallas skont il-kuntratt li jrid jiġi konkluż mal-offerent magħżul.

(23a) Il-miżuri IPI jenħtieġ li japplikaw għal proċeduri ta' akkwist li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inklużi ftehimiet ta' qafas u sistemi dinamiċi ta' xiri. Il-miżuri IPI jenħtieġ li japplikaw ukoll fil-każ ta' kuntratti speċifiċi mogħtija taħt sistema dinamika ta' xiri, meta dawk is-sistemi dinamiċi ta' xiri huma soġġetti għal miżura IPI. Madankollu, jenħtieġ li ma japplikawx għal tali kuntratti taħt ċertu livell limitu, bil-ħsieb li jiġi limitat il-piż amministrattiv ġenerali għall-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti. Sabiex tiġi evitata l-possibbiltà ta' applikazzjoni

doppja tal-miżuri IPI, tali miżuri jenħtieġ li ma japplikawx għal kuntratti mogħtija abbażi ta' ftehim ta' qafas, ladarba l-miżuri IPI jkunu diġà ġew applikati fl-istadju tal-konklużjoni ta' dak il-ftehim ta' qafas.

Emenda 23

Proposta għal regolament Premessa 23b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(23b) Fid-dawl tal-objettiv ġenerali tal-politika tal-Unjoni li tappoġġa l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), il-Kummissjoni, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jenħtieġ li jikkunsidraw kif xieraq l-effetti ta' dan ir-Regolament, bil-ħsieb li jiġi evitat piż żejjed fuq l-SMEs. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, jenħtieġ li tagħmel disponibbli linji gwida għall-aħjar Prattiki biex jintlaħaq dan l-objettiv, sabiex jiġu żgurati l-effiċjenza ta' dan ir-Regolament u l-konsistenza tal-implimentazzjoni tiegħu.

Emenda 24

Proposta għal regolament Premessa 23c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(23c) Sabiex tiġi evitata l-possibbiltà ta' ċirkomvenzjoni ta' miżura IPI, jenħtieġ li jiġu imposti obbligi kuntrattwali addizzjonali fuq l-offerenti magħżula. Dawk l-obbligi jenħtieġ li japplikaw biss fil-każ ta' proċeduri ta' akkwist li għalihom hija applikabbli miżura IPI, kif ukoll għal kuntratti mogħtija abbażi ta' ftehim ta' qafas fejn tali kuntratti huma daqs jew ogħla minn ċertu limitu u meta

dak il-ftehim qafas kien soġġett għal miżura IPI.

Emenda 25

Proposta għal regolament Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(24) *Miżuri ta' aġġustament tal-prezzijiet ma għandux ikollhom impatt negattiv fuq negozjati kummerċjali li jkunu għadhom għaddejnin mal-pajjiż ikkonċernat. Għalhekk, meta pajjiż ikun qed iwettaq negozjati sostantivi mal-Unjoni rigward l-aċċess għas-suq fil-qasam tal-akkwist pubbliku, il-Kummissjoni tista' tissospendi l-miżuri matul in-negozjati.*

imħassar

Emenda 26

Proposta għal regolament Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(25) *Sabiex tiġi ssimplifikata l-applikazzjoni ta' miżura ta' aġġustament tal-prezzijiet mill-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti, għandu jkun hemm preżunzjoni li l-operaturi ekonomiċi kollha li joriġinaw minn pajjiż terz fil-mira li miegħu ma jkun hemm l-ebda ftehim dwar l-akkwist pubbliku se jkun soġġett għal miżura, sakemm ma jkunux jistgħu juru li inqas minn 50% tal-valur totali tal-offerta tagħhom huwa magħmul minn prodotti jew servizzi li joriġinaw fil-pajjiż terz ikkonċernat.*

imħassar

Emenda 27

Proposta għal regolament Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni

(26) *L-Istati Membri huma fl-aħjar pożizzjoni biex jidentifikaw l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti jew il-kategoriji ta' awtoritajiet kontraenti jew entitajiet kontraenti, li għandhom japplikaw il-miżura ta' aġġustament tal-prezzijiet. Sabiex jiżguraw li jkun hemm livell xieraq ta' azzjoni u li jkun hemm tqassim ġust tal-piż fost l-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tiegħu deċiżjoni finali, abbażi ta' lista ppreżentata minn kull Stat Membru. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi lista fuq inizjattiva tagħha stess.*

Emenda 28

Proposta għal regolament Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni

(27) Huwa ta' importanza vitali li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jkollhom aċċess għal varjetà ta' prodotti ta' kwalità għolja li jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom ta' akkwist bi prezz kompetittiv. Għalhekk l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandhom ikunu jistgħu **ma japplikawx il-miżuri ta' aġġustament tal-prezzijiet** li jillimitaw l-aċċess għal prodotti u servizzi li mhumiex koperti **f'każ** li ma jkunx hemm prodotti jew servizzi tal-Unjoni u/jew prodotti u servizzi koperti disponibbli li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti sabiex **jitħarsu** ħtiġijiet pubbliċi essenzjali, pereżempju **fl-oqsma tas-saħħa u s-sigurtà pubblika, jew meta l-applikazzjoni tal-miżura twassal għal żieda sproporzjonata**

Emenda

imħassar

Emenda

(27) Huwa ta' importanza vitali li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jkollhom aċċess għal varjetà ta' prodotti ta' kwalità għolja li jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom ta' akkwist bi prezz kompetittiv. Għalhekk, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jenħtieġ li jkunu jistgħu, **fuq bażi eċċezzjonali, ma japplikawx miżuri IPI** li jillimitaw l-aċċess għal prodotti u servizzi li mhumiex koperti **meta** ma jkunx hemm prodotti jew servizzi tal-Unjoni u/jew prodotti u servizzi koperti disponibbli li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-awtorità kontraenti **jew** l-entità kontraenti jew **fejn azzjoni ta' dan it-tip tkun marbuta mas-salvagwardja** ta' ħtiġijiet essenzjali tal-**ordni** pubbliku, pereżempju fir-**rigward tas-saħħa pubblika jew tal-protezzjoni tal-ambjent**. L-applikazzjoni ta'

fil-prezz jew fl-ispejjeż tal-kuntratt.

dawn l-eċċezzjonijiet jenħtieġ li tirrikjedi l-approvazzjoni tal-Kummissjoni. L-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jenħtieġ li jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'mod f'waqtu u komprensiv sabiex ikun jista' jsir il-monitoraġġ xieraq tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Emenda 29

Proposta għal regolament Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni

(28) F'każ ta' applikazzjoni ħażina mill-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti tal-eċċezzjonijiet għall-miżuri **ta' aġġustament tal-prezzijiet** li jillimitaw l-aċċess ta' prodotti u servizzi mhux koperti, il-Kummissjoni għandha tkun tista' tapplika l-mekkaniżmu korrettiv tal-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 89/665/KEE²⁰ jew l-Artikolu 8 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/13/KEE²¹. Barra minn hekk, il-kuntratti konklużi ma' operatur ekonomiku minn awtoritajiet kontraenti jew entitajiet kontraenti bi ksur ta' miżuri ta' **aġġustament tal-prezzijiet** li jillimitaw l-aċċess għal prodotti u servizzi mhux koperti għandhom ikunu ineffettivi.

²⁰ Id-Direttiva tal-Kunsill 89/665/KEE dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' reviżjoni għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet publiċi (ĠU L 395, 30.12.1989, p. 33).

²¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/13/KEE li tikkoordina l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw għall-applikazzjoni tar-regoli Komunitarji dwar il-proċeduri ta' akkwist ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tal-ilma, l-

Emenda

(28) F'każ ta' applikazzjoni ħażina mill-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti tal-eċċezzjonijiet għall-miżuri **IPI** li jillimitaw l-aċċess ta' prodotti u servizzi mhux koperti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tapplika l-mekkaniżmu korrettiv tal-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 89/665/KEE²⁰ jew l-Artikolu 8 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/13/KEE²¹. Barra minn hekk, il-kuntratti konklużi ma' operatur ekonomiku minn awtoritajiet kontraenti jew entitajiet kontraenti bi ksur ta' miżuri **IPI** li jillimitaw l-aċċess għal prodotti u servizzi mhux koperti jenħtieġ li jkunu ineffettivi.

²⁰ Id-Direttiva tal-Kunsill 89/665/KEE dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' reviżjoni għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet publiċi (ĠU L 395, 30.12.1989, p. 33).

²¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/13/KEE li tikkoordina l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw għall-applikazzjoni tar-regoli Komunitarji dwar il-proċeduri ta' akkwist ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tal-ilma, l-

enerġija, it-trasport u t-telekomunikazzjoni
(ĠU L 76, 23.3.1992, p. 14).

enerġija, it-trasport u t-telekomunikazzjoni
(ĠU L 76, 23.3.1992, p. 14).

Emenda 30

Proposta għal regolament Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni

(30) Il-proċedura ta' eżami għandha tintuża għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-adozzjoni, irtirar jew sospensjoni, **jew** is-sospensjoni jew id-dħul mill-ġdid tal-miżura ta' **aġġustament tal-prezzijiet**.

Emenda

(30) Il-proċedura ta' eżami jenħtieġ li tintuża għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-adozzjoni, l-irtirar, is-sospensjoni jew id-dħul mill-ġdid ta' miżura ***IPI u l-Kummissjoni jenħtieġ li tkun assistita mill-Kumitat stabbilit mir-Regolament (UE) 2015/1843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²² (ir-"Regolament dwar l-Ostakoli għall-Kummerċ")***. Jekk ikun meħtieġ u għal kwistjonijiet li jaffettwaw il-qafas legali tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku, il-Kummissjoni għandha tkun tista' tistaqsi wkoll għall-parir tal-Kumitat Konsultattiv dwar l-Akkwist Pubbliku stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 71/306/KEE.

²² *Ir-Regolament (UE) 2015/1843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2015 li jstabbilixxi l-proċeduri tal-Unjoni fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni sabiex jiżgura l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni skont ir-regoli internazzjonali tal-kummerċ, b'mod partikolari dawk stabbiliti taħt l-awspicċi tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (ĠU L 272, 16.10.2015, p. 1).*

Emenda 31

Proposta għal regolament Premessa 30a (ġdida)

(30a) *L-informazzjoni riċevuta skont dan ir-Regolament jenħtieġ li tintuża biss għall-fini li tkun intalbet għalih u bir-rispett dovut għar-rekwiżiti applikabbli tal-Unjoni u nazzjonali tal-protezzjoni tad-data u tal-kunfidenzjalità. Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 kif ukoll l-Artikolu 28 tad-Direttiva 2014/23/UE, l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Artikolu 39 tad-Direttiva 2014/25/UE, jenħtieġ li japplikaw kif xieraq.*

Emenda 32

Proposta għal regolament Premessa 32

(32) *Rapportar regolari mill-Kummissjoni għandu jagħmilha possibbli li jsir monitoraġġ tal-applikazzjoni u tal-effiċjenza tal-proċeduri stabbiliti b'dan ir-Regolament.*

(32) *F'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet^{1a} u bl-għan, fost l-oħrajn, li tnaqqas il-piżijiet amministrattivi il-piżijiet amministrattivi, b'mod partikolari fuq l-Istati Membri, il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħmel rieżami b'mod regolari tal-kamp ta' applikazzjoni, il-funzjonament u l-effiċjenza ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħmel rapport dwar il-valutazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rieżami jista' jiġi segwit minn proposti leġislattivi adatti.*

Ir-Regolament (UE) 2018/46 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (minn hawn 'il quddiem ir-Regolament Finanzjarju) jipprevedi li r-regoli u l-prinċipji tal-akkwist applikabbli għall-kuntratti pubbliċi mogħtija mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni f'isimhom stess għandhom ikunu bbażati fuq ir-regoli stabbiliti fl-acquis rilevanti tal-UE dwar l-akkwist pubbliku. Meta jiġi rieżaminat ir-Regolament

Finanzjarju, huwa għalhekk xieraq li tiġi prevista l-applikazzjoni tar-Regolament IPI anke għal kuntratti pubbliċi mogħtija minn istituzzjonijiet tal-Unjoni.

^{1a} ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Emenda 33

Proposta għal regolament Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni

(33) Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, huwa meħtieġ u xieraq, sabiex jitwettaq l-għan fundamentali ta' stabbiliment ta' politika esterna komuni fir-rigward ta' swieq pubbliċi, li jkunu stabbiliti regoli komuni marbuta mat-trattament ta' offerti li jinkludu prodotti u servizzi li mhumiex koperti mill-impenji internazzjonali tal-Unjoni. Dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu l-għanijiet fil-mira, skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Emenda

imħassar

Emenda 34

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi miżuri maħsuba biex itejbu l-aċċess tal-operaturi ekonomiċi, tal-prodotti u s-servizzi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist **pubbliku** u tal-konċessjonijiet tal-pajjiżi

Emenda

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi miżuri maħsuba biex itejbu l-aċċess tal-operaturi ekonomiċi, tal-prodotti u s-servizzi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist u tal-konċessjonijiet tal-pajjiżi terzi,

terzi. Huwa jistabbilixxi l-proċeduri biex il-Kummissjoni tinvestiga miżuri jew prattiki tal-**akkwist** allegatament **restrittivi u diskriminatorji adottati jew miżmuma minn pajjiżi terzi** kontra operaturi ekonomiċi, prodotti u servizzi tal-Unjoni, u tikkonsulta mal-pajjiżi terzi kkonċernati.

Huwa jipprevedi l-possibbiltà li jiġu applikati miżuri ta' aġġustament tal-prezzijiet ta' ċerti offerti għal kuntratti bil-għan li jitwettqu x-xogħlijiet jew biċċa xogħol, għall-provvista ta' prodotti u/jew il-forniment ta' servizzi u għall-konċessjonijiet, fuq il-bażi tal-orijini tal-operaturi ekonomiċi, il-prodotti jew is-servizzi kkonċernati.

rigward akkwist mhux kopert. Huwa jistabbilixxi l-proċeduri biex il-Kummissjoni tinvestiga miżuri jew prattiki allegati min-naħa ta' **pajjiżi terzi** kontra operaturi ekonomiċi, prodotti u servizzi tal-Unjoni, u tikkonsulta mal-pajjiżi terzi kkonċernati.

Dan ir-Regolament jipprevedi l-possibbiltà li l-Kummissjoni timponi miżuri IPI, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, fir-rigward ta' tali miżuri jew prattiki minn pajjiżi terzi biex jiġi ristrett l-aċċess ta' operaturi ekonomiċi, prodotti jew servizzi minn pajjiżi terzi għall-proċeduri ta' akkwist tal-Unjoni.

Emenda 35

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

2. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-**kuntratti** koperti mill-atti li ġejjin:

Emenda

2. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-**proċeduri ta' akkwist** koperti mill-atti li ġejjin:

Emenda 36

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. **Dan ir-Regolament għandu japplika għall-għoti ta' kuntratti għall-forniment ta' prodotti u/jew servizzi u għall-għoti ta' konċessjonijiet ta' xogħol u servizzi. Huwa japplika biss meta l-prodotti jew is-servizzi jkunu akkwistati għal finijiet governattivi. Ma japplikax meta l-prodotti jinxtraw bil-għan li jkun hemm bejgħ mill-ġdid kummerċjali jew bil-għan li jintużaw fil-produzzjoni ta'**

Emenda

imħassar

prodotti għal bejgħ kummerċjali. Ma japplikax meta s-servizzi jinxtraw bil-għan li jkun hemm bejgħ mill-ġdid kummerċjali jew bil-għan li jintużaw fil-forniment ta' servizzi għal bejgħ kummerċjali.

Emenda 37

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Dan ir-Regolament japplika biss fir-rigward ta' miżuri jew prattiki ta' akkwist restrittivi u/jew diskriminatorji implimentati minn pajjiż terz fir-rigward ta' xiri ta' prodotti u servizzi mhux koperti. L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun mingħajr preġudizzju għall-ebda obbligu internazzjonali tal-Unjoni.

imħassar

Emenda 38

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe obbligu internazzjonali tal-Unjoni jew miżura li l-Istati Membri u l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti tagħhom jistgħu jieħdu f'konformità mal-atti msemmija fil-paragrafu 2.

Emenda 39

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 5a (ġdid)

5a. Dan ir-Regolament għandu japplika biss għall-proċeduri ta' akkwist varati wara d-dħul fis-seħħ tiegħu. Miżura IPI għandha tapplika biss għall-proċeduri ta' akkwist koperti mill-miżura IPI u varata fi kwalunkwe mument bejn id-dħul fis-seħħ ta' dik il-miżura IPI u l-iskadenza, l-irtirar jew is-sospensjoni tagħha. Referenza għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u kwalunkwe miżura IPI applikabbli għandha tiġi inkluża mill-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti fid-dokumenti tal-akkwist għal proċeduri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' miżura IPI.

Emenda 40

**Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 5b (ġdid)**

5b. L-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandhom, sabiex jintegraw kif xieraq ir-rekwiżiti ambjentali, soċjali u tax-xogħol fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku u tal-ġhoti ta' konċessjoni, jieħdu miżuri rilevanti biex jiżguraw li jkun hemm konformità mal-obbligi ambjentali, soċjali u tax-xogħol li jirriżultaw minn liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi, kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak nazzjonali, kif ukoll minn ftehimiet kollettivi kompatibbli mal-liġi tal-Unjoni, applikabbli għall-kuntratt tal-akkwist. Bl-istess mod, l-obbligi li jirriżultaw minn ftehimiet internazzjonali ratifikati mill-Istati Membri kollha u elenkati fl-Anness X tad-Direttiva 2014/23/UE, l-Anness X tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Anness XIV tad-Direttiva 2014/25/UE għandhom

japplikaw tul l-eżekuzzjoni ta' kuntratt.

L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'kull diffikultà, fil-liġi jew fil-fatt, li jkunu ltaqgħu magħha u li tiġi rapportata mill-operaturi ekonomiċi tagħhom u li tinqala' minħabba fin-nuqqas ta' osservanza tal-liġi internazzjonali, ambjentali, soċjali u tax-xogħol imsemmija fis-subparagrafu 1, meta dawk l-impriżi jkunu pruvaw jiżguraw l-għoti ta' kuntratti fl-UE jew f'pajjiżi terzi.

Emenda 41

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) "operatur ekonomiku" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika jew entità pubblika jew grupp ta' persuni u/jew entitajiet bħal dawn, inkluża kwalunkwe assoċjazzjoni temporanja ta' impriżi, li joffru l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet u/jew xogħol, il-forniment ta' prodotti jew il-forniment ta' servizzi fis-suq;

Emenda

(a) "operatur ekonomiku" tfisser operatur ekonomiku kif definit fid-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE u 2014/25/UE;

Emenda 42

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(aa) "prodotti" tfisser prodotti msemmija fis-suġġett tal-offerta ta' akkwist pubbliku u fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt, iżda ma tkopri l-ebda input, materjal jew ingredjent inkorporat fil-

Emenda

prodotti forniti;

Emenda 43

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ab (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ab) "valur stmat" tfisser il-valur stmat ta' kuntratt ikkalkulat skont id-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE u 2014/25/UE;

Emenda 44

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ac (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ac) "evidenza" tfisser kwalunkwe informazzjoni, ċertifikat, dokument ta' sostenn, dikjarazzjoni u mezz oħra ta' prova mmirati biex jagħtu prova tal-konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 9a(1)(c), bħal:

(i) ċertifikati tal-orġini, dikjarazzjonijiet tal-fornitur jew dikjarazzjonijiet tal-importazzjoni għal prodotti li joriġinaw minn pajjiżi terzi;

(ii) deskrizzjoni tal-proċessi ta' manifattura (inklużi kampjuni, deskrizzjonijiet jew ritratti) għall-prodotti li għandhom jiġu forniti;

(iii) silta mir-reġistri rilevanti jew mid-dikjarazzjonijiet finanzjarji għall-orġini tas-servizzi, inkluż numru ta' identifikazzjoni tal-VAT;

Emenda 45

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ad (ġdid)**

(ad) "miżura ta' aġġustament tal-punteġġ" tfisser it-tnaqqis relattiv b'perċentwal partikolari tal-punteġġ ta' offerta li jirriżulta mill-evalwazzjoni tagħha min-naħa ta' awtorità jew entità kontraenti abbażi tal-kriterji tal-għoti tal-kuntratt definiti fid-dokumenti tal-akkwist. F'każijiet fejn il-prezz jew l-ispiża jikkostitwixxu l-uniku kriterju għall-għoti tal-kuntratt, il-miżura ta' aġġustament tal-punteġġ tfisser iż-żieda relattiva, għall-fini tal-evalwazzjoni tal-offerti, b'perċentwal partikolari tal-prezz jew l-ispiża proposti minn offerent;

Emenda 46

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt (b)

Test propost mill-Kummissjoni

(b) "awtorità kontraenti" tfisser "awtorità kontraenti" hekk kif definit **fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva** 2014/24/UE;

Emenda

(b) "awtorità kontraenti" tfisser awtorità kontraenti kif definit **fid-Direttivi** 2014/23/UE, 2014/24/UE u 2014/25/UE;

Emenda 47

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) "entità kontraenti" tfisser "entità kontraenti" hekk kif definit **fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva** 2014/25/UE u **fl-Artikolu 7 tad-Direttiva** 2014/23/UE;

Emenda

(c) "entità kontraenti" tfisser entità kontraenti kif definit **fid-Direttivi** 2014/23/UE u 2014/25/UE;

Emenda 48

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) "parti interessata" tfisser kwalunkwe persuna jew entità li l-interess tagħha jista' jiġi affettwat minn miżura ta' pajjiż terz, bħal impriżi, assoċjazzjoni ta' impriżi, assoċjazzjonijiet tal-kummerċ, trade unions, jew organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi organizzazzjonijiet tal-konsumaturi;

Emenda 49

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) "prodotti jew servizzi koperti" tfisser prodotti jew servizzi li joriġinaw minn pajjiż li miegħu l-Unjoni tkun ikkonkludiet ftehim internazzjonali fil-qasam tal-akkwist pubbliku u/jew konċessjonijiet inkluż impenji għall-aċċess għas-suq u li għalihom japplika l-ftehim relevanti;

imħassar

Emenda 50

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) "prodotti jew servizzi mhux koperti" tfisser prodotti jew servizzi li joriġinaw minn pajjiż li miegħu l-Unjoni ma tkunx ikkonkludiet ftehim internazzjonali fil-qasam tal-akkwist pubbliku jew konċessjonijiet inkluż impenji għall-aċċess għas-suq, kif ukoll

imħassar

prodotti jew servizzi li joriġinaw minn pajjiż li miegħu l-Unjoni tkun ikkonkludiet ftehim tali, iżda li għalih ma jkunx japplika l-ftehim rilevanti;

Emenda 51

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) "miżura jew prattika ***tal-akkwist restrittiva u/jew diskriminatorja***" tfisser kull miżura, proċedura jew prattika leġislattiva, regolatorja jew amministrattiva, jew taħlita tagħhom, adottati jew miżmuma mill-awtoritajiet pubbliċi jew l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti individwali f'pajjiż terz, li jirriżultaw fi ħsara serja u rikorrenti ***ta' aċċess ta' merkanzija, servizzi u/jew lill-operaturi*** ekonomiċi ***biex l-akkwist pubbliku*** jew konċessjoni ***fis-suq ta' dak il-pajjiż***.

Emenda

(f) "miżura jew prattika ta' ***pajjiż terz***" tfisser kull miżura, proċedura jew prattika leġislattiva, regolatorja jew amministrattiva, jew taħlita tagħhom, ***ta' natura ġenerali, li jinħolqu minn politika nazzjonali jew subnazzjonali***, adottati jew miżmuma mill-awtoritajiet pubbliċi jew l-awtoritajiet kontraenti individwali f'pajjiż terz, li jirriżultaw fi ħsara serja u rikorrenti ***għall-aċċess*** tal-oġġetti, ***tas-servizzi*** u/jew ***tal-operaturi*** ekonomiċi ***għas-swieq*** tal-akkwist jew tal-konċessjonijiet.

Emenda 52

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(fa) "***miżura IPI***" tfisser miżura ***adottata mill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament li tillimita l-aċċess ta' operaturi ekonomiċi u/jew prodotti u servizzi li joriġinaw minn pajjiżi terzi għas-suq tal-akkwist jew tal-konċessjonijiet tal-Unjoni fil-qasam tal-akkwist mhux kopert;***

Emenda

Emenda 53

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt fb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fb) "akkwist mhux kopert" tfisser proċeduri ta' akkwist għal prodotti, servizzi, jew konċessjonijiet li fir-rigward tagħhom l-Unjoni ma tkunx ħadet impenji ta' aċċess għas-suq fi ftehim internazzjonali fil-qasam tal-akkwist jew tal-konċessjonijiet;

Emenda 54

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt fc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fc) "kuntratti" tfisser "kuntratti pubbliċi" kif definit fid-Direttiva 2014/24/UE, "konċessjonijiet" kif definit fid-Direttiva 2014/23/UE u "kuntratti ta' provvista, xogħlijiet u servizzi" kif definit fid-Direttiva 2014/25/UE;

Emenda 55

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt fd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fd) "offerent" tfisser offerent kif definit fid-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE u 2014/25/UE;

Emenda 56

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ga) *"sottokuntrattar" tfisser l-arranġament tal-eżekuzzjoni parzjali ta' kuntratt minn parti terza; is-sempliċi kunsinna ta' oġġetti jew partijiet meħtieġa għall-forniment ta' servizz ma titqiesx bħala sottokuntrattar.*

Emenda 57

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(h) *SME tfisser SME kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE²³.*

imħassar

²³ *Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' mikro intrapriżi u dawk żgħar u medji) (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).*

Emenda 58

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, it-twettiq ta' xogħlijiet u/jew ta' biċċa xogħol skont it-tifsira tad-Direttivi **2014/25/UE**, 2014/24/UE u tad-Direttiva **2014/23/UE** jitqies bħala l-forniment ta' servizz.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, **għajr għall-Artikoli 8a(3) u 8a(7) tiegħu**, it-twettiq ta' xogħlijiet jew ta' biċċa xogħol skont it-tifsira tad-Direttivi **2014/23/UE**, 2014/24/UE u d-Direttiva **2014/25/UE** għandu jitqies bħala l-forniment ta' servizz.

Emenda 59

Proposta għal regolament Artikolu 3 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Regoli tal-oriġini

Determinazzjoni tal-oriġini

Emenda 60

**Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-oriġini ta' prodott għandha tkun iddeterminata skont l-Artikolu 22 sa 26 tar-Regolament tal-Kunsill(KEE) Nru 2913/1992²⁴.

imħassar

²⁴ *Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/1992 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).*

Emenda 61

**Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-oriġini ta' servizz għandu jkun determinat skont l-oriġini tal-operatur ekonomiku li jkun qed jipprovdi.

imħassar

Emenda 62

**Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) fil-każ ta' persuna fiżika, il-pajjiż fejn il-persuna tkun ċittadin jew fejn **ikollha** d-dritt ta' residenza permanenti;

(a) fil-każ ta' persuna fiżika, il-pajjiż fejn il-persuna tkun ċittadin jew fejn **dik il-persuna** jkollha d-dritt ta' residenza permanenti;

Emenda 63

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b – subpunt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) ***jekk is-servizz mhuwiex ipprovdut bi preżenza kummerċjali fl-Unjoni***, il-pajjiż li taħt il-liġijiet tiegħu l-persuna ġuridika tkun ikkostitwita jew organizzata ***skont il-liġi ta' dak il-pajjiż*** u fit-territorju fejn il-persuna ġuridika tkun impenjata f'operazzjonijiet sustanzjali ta' negozju;

Emenda

(i) il-pajjiż li taħt il-liġijiet tiegħu l-persuna ġuridika tkun ikkostitwita jew organizzata u fit-territorju fejn il-persuna ġuridika tkun impenjata f'operazzjonijiet sustanzjali ta' negozju ***li jinvolvu rabta diretta u effettiva mal-ekonomija tal-pajjiż ikkonċernat***;

Emenda 64

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b – subpunt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) ***l-Istat Membru fejn*** il-persuna ġuridika ***tkun stabbilita u fit-territorju li tkun impenjata*** f'operazzjonijiet sustanzjali ta' negozju ***b'mod li jkollha rabta diretta u effettiva mal-ekonomija tal-Istat Membru kkonċernat***.

Emenda

(ii) ***jekk*** il-persuna ġuridika ***ma tkunx impenjata*** f'operazzjonijiet sustanzjali ta' negozju ***fit-territorju tal-pajjiż li fih tkun kostitwita jew impenjata b'xi mod ieħor, l-oriġini tal-persuna ġuridika għandha tkun dik tal-persuna jew persuni li jistgħu jeżerċitaw, direttament jew indirettament, influwenza dominanti fuq il-persuna ġuridika minħabba s-sjieda tagħhom fil-konfront tagħha, il-parteciċipazzjoni finanzjarja tagħhom fiha, jew ir-regoli li jirregolawha***.

Emenda 65

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Għall-finijiet tal-punt (b) (ii) tal-ewwel

Emenda

Għall-finijiet tal-punt (b) (ii) tal-ewwel

subparagrafu, *jekk il-persuna ġuridika ma tkunx impenjata f'operazzjonijiet sustanzjali ta' negozju li jkollhom rabta diretta u effettiva mal-ekonomija tal-Istat Membru, l-orìġini tal-persuni ġuridiċi tkun dik tal-persuna jew persuni li għandhom is-sjeda jew jikkontrollaw il-persuna ġuridika.*

subparagrafu, *għandu jiġi preżunt li tali persuna jew persuni għandhom influwenza dominanti fuq il-persuna ġuridika fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin li fihom huma, direttament jew indirettament:*

(a) *ikollhom il-maġġoranza tal-kapital sottoskritt tal-persuna ġuridika;*

(b) *jikkontrollaw il-maġġoranza tal-voti marbuta mal-ishma maħruġin mill-persuna ġuridika;*

(c) *jistgħu jaħtru aktar minn nofs il-korp amministrattiv, manijerjali jew superviżorju tal-persuna ġuridika.*

Emenda 66

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Persuna ġuridika titqies li tkun "posseduta" minn persuni ta' pajjiż partikolari meta aktar minn 50% tal-interess ta' ekwità fiha jkun proprjetà benefiċjarja ta' persuni minn dak il-pajjiż.

Emenda

imħassar

Emenda 67

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Persuna ġuridika titqies li tkun "ikkontrollata" minn persuni ta' pajjiż partikolari meta dawn il-persuni jkollhom is-setgħa jaħtru l-maġġoranza tad-diretturi tagħha jew inkella li jmexxu legalment l-azzjonijiet tagħha.

Emenda

imħassar

Emenda 68

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. *Meta operatur ekonomiku jkun grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi u/jew entitajiet pubbliċi, u mill-inqas waħda minn dawn il-persuni jew entitajiet toriġina minn pajjiż terz li l-operaturi ekonomiċi u l-prodotti u s-servizzi tiegħu jkunu soġġetti għal miżura IPI, dik il-miżura IPI għandha tapplika bl-istess mod għall-offerti sottomessi minn dak il-grupp. Dan ma għandux japplika jekk il-parteċipazzjoni ta' dawk il-persuni jew entitajiet fi grupp tammonta għal inqas minn 15 % tal-valur tal-offerta inkwistjoni, sakemm dawk il-persuni jew entitajiet ma jkunux neċessarji għat-twettiq tal-maġġoranza ta' mill-inqas wieħed mill-kriterji tal-għażla fi proċedura ta' akkwist.*

Emenda 69

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3b. *L-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti jistgħu, fi kwalunkwe ħin matul il-proċedura ta' akkwist, jitolbu lill-operatur ekonomiku biex jissottometti, jiċċara jew jikkompleta l-informazzjoni jew id-dokumentazzjoni relatata mal-verifika tal-orijini tal-operatur ekonomiku f'limitu ta' żmien xieraq, dment li tali talbiet isiru f'konformità sħiħa mal-prinċipji tat-trattament indaqs u t-trasparenza. Offerti minn operaturi ekonomiċi li jonqsu milli jipprovdu tali informazzjoni jew dokumentazzjoni għandhom jiġu miċħuda skont ir-regoli*

applikabbli għall-proċedura tal-għoti.

Emenda 70

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3c. Għall-applikazzjoni tal-obbligi kuntrattwali addizzjonali stipulati fl-Artikolu 9a għall-offerent li jikseb il-kuntratt, l-orijini ta' prodott għandha tiġi ddeterminata skont l-Artikoli 59 sa 62 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, filwaqt li l-orijini ta' servizz għandha tiġi ddeterminata abbażi tal-orijini tal-operatur ekonomiku li jipprovdi.

Emenda 71

Proposta għal regolament Kapitolu 2 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Kapitolu II
Eżenzjonijiet

imħassar

Emenda 72

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-offerti jiġu eżentati minn dan ir-Regolament meta ***aktar minn 50% tal-valur totali tal-offerta jkun magħmul minn prodotti u/jew servizzi li joriġinaw*** mill-pajjiżi lanqas żviluppati elenkati fl-Anness IV għar-Regolament (UE) Nru 978/2012²⁷, u fil-pajjiżi li qed

L-offerti jiġu eżentati minn dan ir-Regolament meta ***jkunu ġew sottomessi minn operatur ekonomiku li joriġina*** mill-pajjiżi lanqas żviluppati elenkati fl-Anness IV għar-Regolament (UE) Nru 978/2012²⁷, u fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jitqiesu vulnerabbli minħabba nuqqas ta'

jiżviluppaw li jitqiesu vulnerabbli minħabba nuqqas ta' diversifikazzjoni u integrazzjoni insuffiċjenti fi ħdan is-sistema internazzjonali ta' negozju kif definit fl-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 978/2012.

diversifikazzjoni u integrazzjoni insuffiċjenti fi ħdan is-sistema internazzjonali ta' negozju kif definit fl-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 978/2012. ***Il-Kummissjoni tista' teżenta offerti sottomessi minn operatur ekonomiku li joriġina minn pajjiżi li jkunu għadhom qed jiżviluppaw u li huma benefiċjarji tal-arranġament ġenerali msemmi fl-Artikolu 1(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 978/2012, sakemm l-ekonomija ta' dawn il-pajjiżi ma titqiesx li hija kompetittiva fis-setturi kkonċernati.***

²⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 (ĠU L 303, 31.10.2012, p. 1).

²⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 (ĠU L 303, 31.10.2012, p. 1).

Emenda 73

Proposta għal regolament Artikolu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 5

Eżenzjoni għal offerti ppreżentati mill-SMEs

L-offerti mressqa mill-SMEs²⁸ stabbiliti fl-Unjoni u impenjati f'operazzjonijiet sostantivi ta' negozju b'rabta diretta u effettiva mal-ekonomija ta' mill-inqas Stat Membru wieħed ikunu eżentati minn dan ir-Regolament.

²⁸ ***Kif ġie definit fir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni tal-mikroimpreżi, impreżi żgħar u medji (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).***

Emenda

imħassar

Emenda 74

Proposta għal regolament Kapitolu III – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Investigazzjonijiet, konsultazzjonijiet **u**
miżuri **ta' aġġustament tal-prezzijiet**

Emenda

Investigazzjonijiet, konsultazzjonijiet,
miżuri **u obbligi kuntrattwali addizzjonali**

Emenda 75

Proposta għal regolament Artikolu 6 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Investigazzjonijiet

Emenda

Investigazzjonijiet **u konsultazzjonijiet**

Emenda 76

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni **fi kwalunke ħin**, fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq **talba tal-partijiet interessati** jew **ta' Stat Membru**, tiftaħ investigazzjoni fir-rigward ta' **miżuri** jew **prattiki allegatament restrittivi u/jew diskriminatorji tal-akkwist, meta tqis li din l-azzjoni tkun fl-interess għall-Unjoni. Jekk tinfetaħ investigazzjoni, il-Kummissjoni għandha** tippubblika notifika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, **fejn** tistieden lill-partijiet interessati u l-Istati Membri jipprovdu t-tagħrif kollu rilevanti lill-Kummissjoni f'perjodu ta' żmien speċifiku.

Emenda

1. **Jekk tqisu fl-interess tal-Unjoni**, il-Kummissjoni, fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq **ilment sostanzjat ta' parti interessata tal-Unjoni, il-Parlament Ewropew** jew Stat Membru, **għandha** tiftaħ investigazzjoni fir-rigward ta' **allegata miżura** jew **prattika ta' pajjiż terz billi** tippubblika notifika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. **In-notifika tal-ftuħ għandha tinkludi l-valutazzjoni preliminari tal-Kummissjoni tal-miżura jew prattika tal-pajjiż terz u** tistieden lill-partijiet interessati **tal-Unjoni** u l-Istati Membri jipprovdu t-tagħrif kollu rilevanti lill-Kummissjoni f'perjodu ta' żmien speċifiku.

Il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni fuq is-sit web tagħha l-formola li l-partijiet interessati jew l-Istati Membri jkunu jridu jimlew sabiex iressqu lment sostanzjat.

Determinazzjoni ta' jekk l-interess tal-Unjoni jitlobx investigazzjoni għandha ssir abbażi ta' apprezzament tal-interessi differenti kollha meħuda globalment, inklużi l-interessi tal-industrija domestika, l-utenti u l-konsumaturi. Ma tistax tinftaħ investigazzjoni meta l-Kummissjoni, abbażi tal-informazzjoni kollha mressqa, tkun tista' faċilment tikkonkludi li ma jkunx fl-interess tal-Unjoni li tinftaħ investigazzjoni bħal din.

Emenda 77

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Mal-pubblikazzjoni tan-notifika, il-Kummissjoni għandha tistieden lill-pajjiż terz ikkonċernat jippreżenta l-fehmiet tiegħu, jipprovdi informazzjoni u jidħol f'konsultazzjonijiet mal-Kummissjoni sabiex jinstab rimedju għall-allegata miżura jew prattika ta' pajjiż terz. Il-Kummissjoni għandha tinforma regolarment lill-partijiet interessati, lill-Parlament Ewropew u lill-Istati Membri fi ħdan il-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 2015/1843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a} ("ir-Regolament dwar l-Ostakoli għall-Kummerċ").

^{1a} Ir-Regolament (UE) 2015/1843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2015 li jistabbilixxi l-proċeduri tal-Unjoni fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni sabiex jiżgura l-

eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni skont ir-regoli internazzjonali tal-kummerċ, b'mod partikolari dawk stabbiliti taħt l-awspiċċi tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (ĠU L 272, 16.10.2015, p. 1).

Emenda 78

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. *Il-valutazzjoni li titwettaq mill-Kummissjoni dwar jekk miżuri jew prattiki restrittivi u/jew diskriminatorji allegati tal-akkwist ikunux qed jiġu adottati jew applikati mill-pajjiżi terzi kkonċernati għandha ssir abbażi ta' tagħrif mogħti minn partijiet interessati u Stati Membri ta' fatti miġbura mill-Kummissjoni matul l-investigazzjoni tagħha, jew it-tnejn li huma. Il-valutazzjoni għandha tiġi konkluża f'perjodu ta' tmien xhur wara li tkun bdiet l-investigazzjoni. F'każijiet iġġustifikati kif xieraq dan il-perjodu ta' żmien jista' jiġi estiż b'erba' xhur.*

Emenda

2. *L-investigazzjoni u l-konsultazzjonijiet għandhom jiġu konklużi f'perjodu ta' sitt xhur wara d-data tal-pubblikazzjoni tan-notifika tal-ftuħ fil-Ġurnal Uffiċjali. F'każijiet debitament ġustifikati, il-Kummissjoni tista', qabel tmien l-ewwel sitt xhur, testendi dak il-perjodu bi tliet xhur, billi tippubblika avviż fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u tinforma lill-pajjiżi terzi, lill-partijiet interessati, lill-Parlament Ewropew u lill-Istati Membri.*

Emenda 79

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

2a. *Mal-konklużjoni tal-investigazzjoni u l-konsultazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku rapport li jiddokumenta l-konklużjonijiet ewlenin tal-investigazzjoni u l-pjan ta' azzjoni propost. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew.*

Emenda

Emenda 80

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Meta l-Kummissjoni, ***bħala riżultat tal-investigazzjoni*** tagħha tikkonkludi li ***l-miżuri jew prattiki allegatament restrittivi u/jew diskriminatorji ta' akkwist*** ma ***jkunux*** qed ***jiġu applikati*** jew ma ***jirriżultawx f'restrizzjonijiet għall-aċċess minn*** operaturi ekonomiċi ***tal-Unjoni jew*** prodotti u servizzi tal-Unjoni ***għas-swieq tal-akkwist pubbliku*** jew tal-konċessjonijiet tal-pajjiż ***terz ikkonċernat***, il-Kummissjoni għandha ttemm l-investigazzjoni.

Emenda

3. Meta l-Kummissjoni, ***wara l-investigazzjoni*** tagħha, ***issib li l-allegata miżura jew prattika ta' pajjiż terz*** ma ***tkunx*** qed ***tiġi applikata*** jew ma ***tirriżultax f'indeboliment serju u rikorrenti tal-aċċess ta'*** operaturi ekonomiċi, prodotti jew servizzi tal-Unjoni ***għas-suq tal-akkwist jew tal-konċessjonijiet tal-pajjiż terz***, il-Kummissjoni għandha ttemm l-investigazzjoni ***u tippubblika notifika ta' terminazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea***.

Emenda 81

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. ***Meta l-Kummissjoni tikkonkludi l-investigazzjoni tagħha, hija għandha tagħmel pubblikament disponibbli rapport li jirreġistra s-sejbiet ewlenin tagħha.***

Emenda

imħassar

Emenda 82

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Il-Kummissjoni tista' tissospendi l-investigazzjoni u l-konsultazzjonijiet fi kwalunkwe mument jekk il-pajjiż terz:

(a) jieħu miżuri korrettivi sodisfaċenti li jirrimedjaw l-indeboliment serju u rikorrenti tal-aċċess tal-operaturi

ekonomiċi tal-Unjoni jew tal-prodotti jew is-servizzi tal-Unjoni u jtejbu b'mod effettiv tali aċċess, jew

(b) jimpenja ruħu fil-konfront tal-Unjoni biex ittemm jew jelimina gradwalment il-miżura jew il-prattika ta' pajjiż terz fi żmien raġonevoli u f'mhux aktar tard minn tliet xhur.

Il-Kummissjoni għandha tkompli bl-investigazzjoni u l-konsultazzjonijiet fi kwalunkwe mument jekk tikkonkludi li r-raġunijiet għas-sospensjoni ma jkunux għadhom validi.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'każ ta' sospensjoni jew tkomplija tal-investigazzjoni u l-konsultazzjonijiet.

Emenda 83

Proposta għal regolament Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

[...]

imħassar

Emenda 84

Proposta għal regolament Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

[...]

imħassar

Emenda 85

Proposta għal regolament Artikolu 8a (ġdid)

Artikolu 8a

Miżuri IPI

1. **Meta l-Kummissjoni ssib, wara investigazzjoni u konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 6, li teżisti miżura jew Prattika ta' pajjiż terz, għandha timponi miżura IPI permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Miżura IPI għandha tapplika biss jekk l-għan ewlieni tal-proċedura ta' akkwist jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-att ta' implimentazzjoni, kif speċifikat skont il-paragrafu 7(a). Il-proċedura ta' akkwist ma għandhiex titfassal bl-intenzjoni li teskludi dik il-proċedura mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.**

2. **Il-miżura IPI għandha tiġi ddeterminata abbażi tal-kriterji li ġejjin, fid-dawl tal-informazzjoni disponibbli:**

(a) **il-proporzjonalità tal-miżura IPI fir-rigward tal-miżura jew il-prattika ta' pajjiż terz;**

(b) **id-disponibbiltà ta' sorsi alternattivi ta' provvista għall-prodotti u s-servizzi kkonċernati, sabiex jiġi evitat jew minimizzat impatt negattiv sinifikanti fuq l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti;**

(c) **l-involvement ta' impriżi mill-pajjiż terz ikkonċernat f'attivitajiet ta' akkwist fis-suq intern li jibbenefikaw min-nuqqas ta' reċiproċità.**

3. **Il-miżura IPI għandha tapplika biss għal proċeduri ta' akkwist b'valur stmat ta' mill-inqas EUR 10 000 000 netti mit-taxxa fuq il-valur miżjud għal xogħlijiet u konċessjonijiet, u ta' mill-inqas EUR 5 000 000 netti mit-taxxa fuq il-valur miżjud għal prodotti u servizzi.**

4. **Il-miżura IPI għandha tapplika wkoll f'każ ta' kuntratti speċifiċi mogħtija taħt sistema dinamika ta' xiri, meta daww is-sistemi dinamiċi ta' xiri kienu soġġetti**

għall-miżura IPI, bl-eċċezzjoni ta' kuntratti speċifiċi li l-valur stmat tagħhom ikun inqas mill-valuri rispettivi stabbiliti fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/23/UE, l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2014/25/UE.

Il-miżura IPI ma għandhiex tapplika għall-proċeduri għal għoti ta' kuntratti bbażati fuq ftehim ta' qafas. Il-miżura IPI ma għandhiex tapplika lanqas għal lottijiet individwali li jingħataw skont l-Artikolu 5(10) tad-Direttiva 2014/24/UE jew l-Artikolu 16(10) tad-Direttiva 2014/25/UE.

5. Fl-att ta' implimentazzjoni tagħha, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, fil-kamp ta' applikazzjoni stabbilit fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu, li tirrestrinġi l-aċċess ta' operaturi, prodotti jew servizzi minn pajjiżi terzi għal proċeduri ta' akkwist billi tirrikjedi li l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti:

(a) jimponu miżura ta' aġġustament tal-punteġġ fuq offerti sottomessi minn operaturi ekonomiċi li joriġinaw f'dak il-pajjiżi terzi;

(b) jeskludu offerti sottomessi minn operaturi ekonomiċi li joriġinaw f'dak il-pajjiżi terzi; jew

(c) jimponu taħlita ta' (a) u (b), jekk setturi jew kategoriji differenti ta' prodotti u servizzi jkunu soġġetti għal miżuri IPI.

6. Il-miżura ta' aġġustament tal-punteġġ imsemmija fil-paragrafu 5(a) għandha tapplika biss għall-fini tal-evalwazzjoni u l-klassifikazzjoni tal-offerti. Dan ma għandux jaffettwa l-prezz li jrid jiġi ħallas skont il-kuntratt konkluż mal-offerent magħżul.

7. L-att ta' implimentazzjoni, adottat skont l-Artikolu 14(2), għandu jispeċifika l-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura IPI, inkluż:

(a) is-setturi jew il-kategoriji ta' prodotti, servizzi u konċessjonijiet,

ibbażati fuq il-Vokabolarju Komuni tal-Akkwist, kif ukoll kwalunkwe eċċezzjoni applikabbli;

(b) kategoriji speċifiċi ta' awtoritajiet kontraenti jew entitajiet kontraenti;

(c) kategoriji speċifiċi ta' operaturi ekonomiċi;

(d) fir-rigward tal-miżura ta' aġġustament tal-punteġġ imsemmija fil-paragrafu 5(a), il-valur perċentwali tal-aġġustament, stabbilit sa 100 % tal-punteġġ tal-evalwazzjoni tal-offerta skont il-pajjiż terz u s-settur tal-prodotti, is-servizzi, ix-xogħlijiet jew il-konċessjonijiet previsti.

8. Meta tiddetermina l-miżura IPI abbażi tal-ġażliet disponibbli skont il-punti (a), (b) jew (c) tal-paragrafu 5, il-Kummissjoni għandha tagħżel it-tip ta' miżura li turrimedja bl-aktar mod effettiv il-livell ta' indeboliment tal-operaturi tal-UE fis-swieq ta' pajjiżi terzi.

9. Il-Kummissjoni tista' tirtira l-miżura IPI jew tissospendi l-applikazzjoni tagħha jekk il-pajjiż terz jieħu azzjonijiet korrettivi sodisfaċenti li jurrimedjaw għall-indeboliment tal-aċċess tal-prodotti, is-servizzi jew l-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist jew tal-konċessjonijiet tiegħu jew jekk jimpenja ruħu li jtemm il-miżura jew il-prattika inkwistjoni. Jekk il-Kummissjoni tqis li l-azzjonijiet korrettivi jew l-impenji meħuda jkun għew revokati, sospiżi jew implimentati b'mod mhux xieraq, hija għandha tqiegħed il-konklużjonijiet tagħha għad-dispożizzjoni tal-pubbliku u terġa' tapplika l-miżura IPI fi kwalunkwe mument. Il-Kummissjoni tista' tirtira, tissospendi jew terġa' ddaħħal miżura IPI skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2) u segwita mill-pubblikazzjoni ta' avviż fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

10. Miżura IPI għandha tiskadi ħames snin mid-dħul fis-seħħ tagħha. Miżura

IPI tista' tiġi estiża għal perjodu ta' ħames snin. Disa' xhur qabel id-data tal-iskadenza tal-miżura IPI, il-Kummissjoni, fuq inizzjattiva tagħha stess, għandha tagħti bidu għal rieżami tal-miżura IPI inkwistjoni billi tippubblika avviż fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Tali rieżami għandu jiġi konkluż fi żmien sitt xhur. Wara tali rieżami, il-Kummissjoni tista' testendi t-tul tal-miżura IPI, taġġustaha b'mod xieraq jew tissostitwiha b'miżura IPI differenti.

Emenda 86

Proposta għal regolament Artikolu 9

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 9

L-awtoritajiet jew l-entitajiet ikkonċernati Il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-awtoritajiet jew l-entitajiet kontraenti jew il-kategoriji ta' awtoritajiet jew entitajiet kontraenti, elenkati mill-Istat Membru, li l-akkwist tagħhom ikun ikkonċernat mill-miżura. Biex tiġi pprovduta l-bażi għal din id-determinazzjoni kull Stat Membru għandu jippreżenta lista ta' awtoritajiet jew entitajiet kontraenti adatti jew kategoriji ta' awtoritajiet jew entitajiet kontraenti. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jkun hemm livell xieraq ta' azzjoni u li jkun hemm tqassim ġust tal-piż fost l-Istati Membri.

Emenda

imħassar

Emenda 87

Proposta għal regolament Artikolu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 9a

Obbligi kuntrattwali addizzjonali fuq l-

offerent li jingħata l-kuntratt

1. *F'każ ta' proċeduri ta' akkwist li għalihom tkun applikabbli miżura IPI, kif ukoll f'każ ta' kuntratti mogħtija abbażi ta' ftehim ta' qafas fejn il-valur stmat ta' dawk il-kuntratti huwa ugwali jew ogħla mill-valuri stabbiliti fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/23/UE, l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2014/25/UE, rispettivament, u fejn dawk il-ftehimiet ta' qafas kienu soġġetti għall-miżura IPI, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandhom jinkludu wkoll, fost il-kundizzjonijiet tal-kuntratt mal-offerent magħżul:*

(a) *obbligu li ma jissottokuntrattax, inkluż bil-konsenja ta' prodotti u parts, aktar minn 25 % tal-valur totali tal-kuntratt lil operaturi ekonomiċi li joriġinaw minn pajjiż terz li jkun soġġett għal miżura IPI;*

(b) *għal kuntratti li s-suġġett tagħhom ikopri l-provvista ta' prodotti, impenn li, għat-tul tal-kuntratt, il-prodotti fornuti u/jew is-servizzi pprovduti fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt u li joriġinaw minn pajjiż terz li jkun soġġett għall-miżura IPI ma jirrappreżentax aktar minn 25 % tal-valur totali tal-kuntratt, kemm jekk tali prodotti u/jew servizzi jkunu fornuti jew ipprovduti direttament mill-offerent u kemm jekk ikunu fornuti jew ipprovduti minn sottokuntrattur;*

(c) *obbligu li jipprovidi, fuq talba, evidenza adegwata li tikkorrispondi għall-punti (a) jew (b) lill-awtorità kontraenti jew lill-entità kontraenti sa mhux aktar tard mit-tlestija tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt;*

(d) *imposta proporzjonata, f'każ ta' nonosservanza tal-impenji msemmija fil-punti (a) jew (b), ta' 25 % tal-valur totali tal-kuntratt.*

2. *Għall-finijiet tal-paragrafu 1(c), huwa biżżejjed li tingħata evidenza li*

aktar minn 75 % tal-valur totali tal-kuntratt joriġina minn pajjiżi li mhumiex pajjiż terz soġġett għall-miżura IPI. L-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti għandha titlob evidenza f'każ ta' indikazzjonijiet raġonevoli ta' nonkonformità mal-punti (a) jew (b) tal-paragrafu 1 jew jekk il-kuntratt jingħata lil grupp ta' operaturi ekonomiċi li jinkludi persuna ġuridika li toriġina minn pajjiż terz soġġett għal miżura IPI.

3. Għal offerti ppreżentati minn SMEs awtonomi, kif definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE, li joriġinaw mill-Unjoni jew minn pajjiż terz li miegħu l-Unjoni tkun ikkonkludiet ftehim internazzjonali fil-qasam tal-akkwist, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni linji gwida għall-aħjar Prattiki biex jiżguraw l-effiċjenza ta' dan ir-Regolament u l-konsistenza tal-implimentazzjoni tiegħu. Dawk il-linji gwida għandhom iqisu, b'mod partikolari, il-ħtiġijiet tal-SMEs f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni.

4. L-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandhom jinkludu referenza għall-kundizzjonijiet addizzjonali stabbiliti f'dan l-Artikolu fid-dokumenti għall-proċeduri ta' akkwist li għalihom tkun applikabbli miżura IPI.

Emenda 88

Proposta għal regolament Artikolu 10

Test propost mill-Kummissjoni

[...]

Emenda

imħassar

Emenda 89

Proposta għal regolament Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

[...]

imħassar

Emenda 90

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Awtoritajiet kontraenti u entitajiet kontraenti jistgħu jiddeċiedu li, ***fil-qafas tal-proċedura tal-akkwist jew ta' konċessjoni***, ma japplikawx il-miżura ***ta' aġġustament tal-prezzijiet*** jekk:

1. Awtoritajiet kontraenti u entitajiet kontraenti jistgħu, ***fuq bażi eċċezzjonali***, jiddeċiedu li ma japplikawx il-miżura ***IPI għal proċedura tal-akkwist jekk:***

Emenda 91

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) ***ma jkunx hemm disponibbli prodotti jew servizzi tal-Unjoni u/jew li huma koperti li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti; jew***

imħassar

Emenda 92

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) ***ikun hemm biss offerti minn operaturi ekonomiċi li joriġinaw minn pajjiż terz soġġett għal miżura IPI, jew jekk dawn l-offerti biss jissodisfaw ir-***

rekwiżiti tal-offerta; jew

Emenda 93

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ab) dan ikun ġustifikat għal raġunijiet prevalenti relatati mal-interess pubbliku, bħal pereżempju s-saħħa pubblika jew il-ħarsien tal-ambjent;

Emenda 94

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) l-applikazzjoni tal-miżura twassal għal żieda sproporzjonata fil-prezz jew fl-ispejjeż tal-kuntratt.

imħassar

Emenda 95

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Fejn awtorità kontraenti jew entità kontraenti jkollha l-intenzjoni li ma tapplikax miżura **ta' aġġustament tal-prezzijiet, hija għandha tindika dan fin-notifika ta' kuntratt li tippubblika skont l-Artikolu 49 tad-Direttiva 2014/24/UE jew l-Artikolu 69 tad-Direttiva 2014/25/UE jew fin-notifika tal-konċessjoni skont l-Artikolu 31 tad-Direttiva 2014/23/UE.** Għandha tinnotifika lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn **għaxart ijiem kalendarji wara l-pubblikazzjoni tan-notifika** tal-kuntratt.

2. Fejn awtorità kontraenti jew entità kontraenti jkollha l-intenzjoni li ma tapplikax **miżura IPI**, għandha tinnotifika lill-Kummissjoni **mingħajr dewmien u, fi kwalunkwe każ**, sa mhux aktar tard minn **tletin jum qabel l-għoti** tal-kuntratt, **u tagħti ġustifikazzjoni dettaljata dwar l-użu tal-eċċezzjoni.**

Emenda 96

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) ir-raġuni li fuqha hija bbażata d-deċiżjoni li ma tiġix applikata ***miżura ta' aġġustament tal-prezzijiet***, u l-ġustifikazzjoni ddettaljata għall-użu tal-eċċezzjoni;

Emenda

(d) ir-raġuni li fuqha hija bbażata d-deċiżjoni li ma tiġix applikata ***l-miżura IPI***, u l-ġustifikazzjoni ddettaljata għall-użu tal-eċċezzjoni;

Emenda 97

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Kwalunkwe talba għal eċċezzjoni bbażata fuq dan l-Artikolu għandha tirrikjedi l-approvazzjoni tal-Kummissjoni qabel l-għoti tal-kuntratt.

Emenda 98

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3b. Il-Kummissjoni tista' toġġezzjona għal talba għal eċċezzjoni għal miżura IPI jekk in-notifika ma jkollhiex ġustifikazzjoni dettaljata biżżejjed. Il-Kummissjoni għandha tinforma bid-deċiżjoni tagħha lill-awtorità kontraenti jew lill-entità kontraenti mingħajr dewmien żejjed.

(Ex AM 44 (Or. EN) ta' FdR IMCO AD\1242055EN)

Emenda 99

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Fil-każ li awtorità kontraenti jew entità kontraenti twettaq proċedura nnegożjata mingħajr pubblikazzjoni preċedenti, skont l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/24/UE jew skont l-Artikolu 50 tad-Direttiva 2014/25/UE u tiddeċiedi li ma tapplikax miżura ta' aġġustament tal-prezzijiet, hija Artikolu 11 għandha tindika dan fin-notifika tal-għoti tal-kuntratt li tippubblika skont l-Artikolu 50 tad-Direttiva 2014/24/UE jew l-Artikolu 70 tad-Direttiva 2014/25/UE jew fin-notifika ta' għoti ta' konċessjoni li tippubblika skont l-Artikolu 32 tad-Direttiva 2014/23/UE u tinnotifika lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem kalendarji wara l-pubblikazzjoni tan-notifika tal-għoti tal-kuntratt.

imħassar

In-notifika għandha tinkludi t-tagħrif li ġej:

- (a) l-isem u d-dettalji tal-kuntatt tal-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti;***
- (b) deskrizzjoni tal-prodott tal-kuntratt jew il-konċessjoni;***
- (c) tagħrif dwar l-orijini tal-operaturi ekonomiċi, il-prodotti u/jew is-servizzi li għandhom jiġu ammessi;***
- (d) il-ġustifikazzjoni ddettaljata għall-użu tal-eċċezzjoni;***
- (e) fejn xieraq, kwalunkwe tagħrif ieħor meqjus b'żonnjuż mill-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti.***

Emenda 100

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Kuntratti konklużi ma' operatur ekonomiku bi ksur tal-miżuri **ta' aġġustament tal-prezzijiet** adottati jew imdaħħla mill-ġdid mill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament għandhom ikunu mhux effettivi.

Emenda

2. Kuntratti konklużi ma' operatur ekonomiku bi ksur tal-miżuri **IPI** adottati jew imdaħħla mill-ġdid mill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament għandhom ikunu mhux effettivi

Emenda 101

**Proposta għal regolament
Artikolu 13a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 13a

Riżorsi

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jiġi allokat ammont adegwat ta' riżorsi għall-implimentazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament.

Emenda 102

**Proposta għal regolament
Artikolu 15**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

[...]

imħassar

Emenda 103

**Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Sal-31 ta' Diċembru 2018, u mill-inqas kull ***tliet snin*** minn dak iż-żmien 'il

Sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u mill-inqas kull ***sentejn***

quddiem, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u dwar il-progress li jkun sar fin-negozjati internazzjonali, skont dan ir-Regolament, fir-rigward tal-aċċess għall-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni **għall-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi jew konċessjonijiet** fil-pajjiżi terzi. **Għal dan il-għan**, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni, fuq talba tagħha, tagħrif xieraq.

minn dak iż-żmien 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u dwar il-progress li jkun sar fin-negozjati internazzjonali, skont dan ir-Regolament, fir-rigward tal-aċċess tal-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni **għas-swieq tal-akkwist u tal-konċessjonijiet ta' pajjiżi terzi**. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni, fuq talba tagħha, tagħrif xieraq **dwar l-applikazzjoni ta' miżuri skont dan ir-Regolament, inkluż fir-rigward tal-għadd ta' proċeduri ta' akkwist fil-livell ċentrali u subċentrali li fihom tkun għet applikata miżura IPI partikolari, l-għadd ta' offerti li jkunu waslu minn pajjiżi terzi soġġetti għal dik il-miżura IPI, kif ukoll il-każijiet li fihom tkun għet applikata eċċezzjoni speċifika mill-miżura IPI. Ir-rapport għandu jiġi ppubblikat.**

Emenda 104

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi database ta' kuntratti ta' akkwist pubbliku jew proċeduri ta' għoti ta' konċessjonijiet ma' pajjiżi terzi fil-livell tal-Unjoni u l-applikazzjoni ta' miżuri IPI skont dan ir-Regolament, abbażi tal-informazzjoni mibgħuta mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha taġġorna d-database kull sena.

Emenda 105

Proposta għal regolament

Artikolu 17

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 17

Emenda tad-Direttiva 2014/25/UE

L-Artikoli 85 u 86 tad-Direttiva 2014/25/UE jkunu rrevokati b'effett mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Emenda

imħassar

Emenda 106

**Proposta għal regolament
Artikolu 17a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 17a

Rieżami

Mhux aktar tard minn tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u kull tliet snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tagħmel rieżami tal-kamp ta' applikazzjoni, il-funzjonament u l-effiċjenza ta' dan ir-Regolament, u għandha tirrapporta l-konklużjonijiet tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. F'każijiet debitament ġustifikati, il-Kummissjoni tista' testendi l-iskadenza għat-tieni rieżami sa massimu ta' ħames snin. F'każ ta' tali estensjoni, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill minn qabel.

NOTA SPJEGATTIVA

F'Marzu 2012 il-Kummissjoni ppubblikat il-proposta leġiżlattiva tagħha dwar l-akkwist pubbliku: l-aċċess ta' prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi għas-suq intern tal-Unjoni u l-proċeduri li jappoġġjaw in-negożjati dwar l-aċċess tal-prodotti u s-servizzi tal-Unjoni għas-swieq ta' pajjiżi terzi. L-għan tal-Kummissjoni kien li jinħoloq ċertu ingranaġġ fin-negożjati kummerċjali bilaterali ma' pajjiżi terzi fir-rigward tal-ftuħ tas-swieq tal-akkwist pubbliku, billi bosta pajjiżi terzi jsibuha bi tqila biex jifitxu s-swieq tal-akkwist pubbliku tagħhom għall-kompetizzjoni internazzjonali jew jifitxuhom aktar milli diġà għamlu. Minħabba f'hekk, l-operaturi ekonomiċi tal-UE jħabbtu wiċċhom ma' Prattiki ta' akkwist restrittivi min-naħa ta' ħafna sħab kummerċjali tal-Unjoni. Għaldaqstant, l-idea prinċipali tal-proposta tal-Kummissjoni kienet li jitjiebu l-kundizzjonijiet li bihom in-negożji tal-UE jistgħu jikkompetu għal kuntratti pubbliċi f'pajjiżi terzi u tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea meta jkunu qed jiġu negożjati t-termini ta' aċċess tal-prodotti, is-servizzi u l-fornituri tal-UE għas-swieq tal-akkwist pubbliku u b'hekk taħdem favur kundizzjonijiet ekwi fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku.

B'mod ġenerali, is-swieq tal-akkwist pubbliku jikkostitwixxu interess offensiv b'saħħtu għall-UE fin-negożjati kummerċjali mal-pajjiżi terzi, billi bosta kumpaniji tal-UE huma kompetittivi ħafna f'diversi setturi. Bosta pajjiżi terzi mhumiex lesti li jifitxu s-swieq tal-akkwist pubbliku tagħhom għall-kumpaniji tal-UE. Barra dan, il-Kummissjoni osservat żieda fl-għadd ta' miżuri protezzjonisti meħuda minn pajjiżi terzi f'dawn l-aħħar snin, li *de facto* jew *de jure* jirrestrinġu l-aċċess għas-swieq tal-akkwist pubbliku tagħhom. Dan jinkludi rekwiżiti protezzjonisti bħall-impożizzjoni ta' trasferimenti tat-teknoloġija bħala kundizzjoni għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi jew rekwiżiti ta' kontenut lokali.

S'issa, l-UE kisbet biss suċċess limitat fil-ftuħ tas-swieq tal-akkwist pubbliku permezz ta' ftehimiet kummerċjali. Il-GPA għandu biss għadd limitat ta' pajjiżi firmatarji: l-ekonomiji emerġenti l-kbar bħall-Indja, il-Brażil u ċ-Ċina ma tantx huma mħajra jingħaqdu mal-GPA fil-futur qrib. Minkejja r-reviżjoni tal-GPA, dan għadu jinkludi diversi eċċezzjonijiet u ma jimpenjax b'mod sistematiku l-livelli governattivi kollha. Il-Ftehimiet Bilaterali ta' Kummerċ Fieles (FTA) tal-UE ma' pajjiżi terzi sikwit jinkludu wkoll eżenzjonijiet għall-aċċess għas-swieq tal-akkwist pubbliku għall-kumpaniji Ewropej. Billi s-swieq tal-akkwist pubbliku tal-UE fil-parti l-kbira tagħhom huma miftuħa għal offerenti barranin, kien diffiċli għall-Kummissjoni li tikseb l-impenn ta' pajjiżi terzi f'dan il-qasam fin-negożjati kummerċjali.

Sabiex jinħoloq ingranaġġ għall-ftuħ ta' opportunitajiet ta' akkwist pubbliku f'pajjiżi terzi, il-Kummissjoni, bil-proposta tagħha tal-2012, issuġġeriet il-possibbiltà li jiġi ristrett l-aċċess għas-swieq għal pajjiżi terzi li mhumiex involuti f'negożjati kummerċjali mal-UE. Il-proposta tal-2012 kienet tipprevedi proċedura deċentralizzata u ċentralizzata għall-prodotti u s-servizzi li ma jibbenefikawx minn impenji għall-aċċess għas-suq. Skont il-proċedura deċentralizzata, il-Kummissjoni tista' tapprova li l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jeskludu offeriti fejn il-valur ta' prodotti u servizzi mhux koperti jaqbeż il-50 % tal-valur totali ta' prodotti u servizzi inklużi fl-offerta fil-każ tal-eżistenza ta' nuqqas ta' reċiproċità sostanzjali fil-ftuħ tas-suq bejn l-UE u l-pajjiż li minnu jkunu oriġinaw il-prodotti u/jew is-servizzi. Minbarra dan, din il-proposta bil-pilastru ċentralizzat stabbiliet mekkaniżmu tal-UE sabiex ikompli jiżdied l-effett ta' ingranaġġ tal-UE fin-negożjati internazzjonali fir-rigward tal-aċċess għas-suq, ibbażat fuq l-investigazzjonijiet tal-Kummissjoni, il-konsultazzjoni ma' pajjiżi terzi u, fejn xieraq, l-

impożizzjoni ta' miżuri temporanji restrittivi min-naħa tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni emmnet li dan kellu jagħti inċentiv lill-pajjiżi terzi biex jibdeu negozjati dwar il-kwistjoni tal-ftuħ tas-swieq tal-akkwist pubbliku tagħhom mal-UE.

Ir-reazzjonijiet fil-Kunsill kienu mħallta: blokk wieħed ta' Stati Membri kienu favur il-proposta, u blokk daqstant ieħor importanti ta' Stati Membri ma rawx hteġa għal azzjoni u ċaħdu l-idea għax qiesu l-istrument bħala miżura protezzjonista b'riperkussjonijiet negattivi fuq il-kummerċ globali (prinċipalment bil-possibbiltà ta' miżuri ta' ritaljazzjoni minn pajjiżi terzi b'saħħithom). Il-Kunsill ma kienu kapaċi jegħleb dan l-imblokk u jmexxi 'l quddiem id-diskussjonijiet dwar is-sustanza tal-proposta. Fil-15 ta' Jannar 2014, il-Parlament Ewropew adotta 85 emenda għall-proposta tal-Kummissjoni, mingħajr ma adotta riżoluzzjoni leġislattiva u, għalhekk, mingħajr ma għalaq l-ewwel qari. B'dawn l-emendi, il-Parlament approva jibni pont bejn dawk li kienu favur il-proposta u dawk li kienu kontriha.

Punti importanti tal-vot tal-Parlament fil-15 ta' Jannar 2014 kienu:

- l-introduzzjoni ta' klawżola ta' reviżjoni li tippermetti li jiġi evalwat, wara ċertu żmien, jekk l-istrument jirnexxilux jiftaħ is-swieq tal-akkwist barranin jew sempliċiment iwassalx għal protezzjoniżmu fuq is-suq tal-akkwist tal-Unjoni Ewropea
- l-esklużjoni ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw mir-regolament
- rabta aħjar bejn il-pilastru ċentralizzat u deċentralizzat, u għalhekk li l-miżuri jistgħu jittieħdu biss meta l-Kummissjoni tkun fetħet investigazzjoni dwar l-allegati miżuri restrittivi
- il-prevenzjoni tal-frammentazzjoni tas-suq intern għall-akkwist pubbliku

Il-Presidenza Taljana ppreżentat test ta' kompromess fil-ħarifa tal-2014, li, madankollu, ma rnexxilux inaqas id-distakk bejn il-pożizzjonijiet fil-Kunsill. Wara dibattitu ta' orjentazzjoni tal-Kunsill tal-Ministri tal-Kummerċ f'Novembru 2014, il-Kummissjoni ddeċidiet li tippreżenta proposta riveduta biex isir progress fid-diskussjonijiet. Fid-29 ta' Jannar 2016, il-Kummissjoni Ewropea adottat il-proposta emendata tagħha għal strument għall-akkwist pubbliku internazzjonali. Fis-27 ta' Frar 2017 il-Koordinaturi tal-Kumitat INTA ddeċidew li jpoġġu l-punt fuq l-aġenda ta' waħda mil-laqgħat sussegwenti tal-Kumitat INTA bl-għan li jiġi aġġornat il-mandat ta' negozjar billi tressqu aktar emendi għall-votazzjoni, għax il-proposta riveduta kien fiha bidliet sinifikanti.

Min-naħa, il-proposta emendata rendiet titjib f'oqsma ewlenin, bħalma huma t-tneħħija tal-pilastru deċentralizzat – li anke l-Parlament beża' li seta' jwassal għal frammentazzjoni fis-suq intern – iżda min-naħa l-oħra injorat ċerti talbiet importanti tal-Parlament Ewropew. Barra minn hekk, introduċiet elementi ġodda li jirrikjedu l-iskrutinju tal-Kumitat INTA u tal-Parlament. Ir-rapporteur, għalhekk, ressaq abbozz ta' rapport aġġornat bl-għan li jaġġorna l-mandat tal-Parlament Ewropew u jqis il-bidliet imressqa mill-proposta riveduta tal-2016. Għaldaqstant, dan ir-rapport kien ibbażat fuq żewġ pilastri ewlenin: L-ewwel nett, għal dawk il-partijiet li kienu ugwali jew komparabbli għall-proposta inizjali tal-2012, ir-rapporteur introduċa l-emendi adottati fil-plenarja fil-15 ta' Jannar 2014, adattati fejn xieraq għall-proposta riveduta tal-2016. It-tieni nett, ir-rapport emenda l-elementi l-ġodda mressqa fil-proposta riveduta tal-2016.

Elementi ġodda fil-proposta riveduta tal-2016:

Il-bidla ewlenija f'dan ir-rigward hija li l-proposta tipprevedi biss "miżura ta' aġġustament tal-prezzijiet" u telimina kompletament il-miżura tal-għeluq tas-suq. Wara investigazzjoni tal-Kummissjoni, meta jiġi stabbilit li pajjiż japplika ostakli għall-parteciġazzjoni tal-UE fl-akkwist, jiġi applikat aġġustament tal-prezzijiet fuq prodotti jew servizzi minn dak il-pajjiż. Dan ifisser li, għall-kuntrarju tal-proposta inizjali, il-prodotti u s-servizzi barranin ikkonċernati jkunu dejjem eliġibbli, jekk, wara li jitqies l-aġġustament tal-prezzijiet, l-offerta tkun kompetittiva f'termini ta' prezz u kwalità. L-aġġustament fil-prezz japplika biss għall-proċedura ta' evalwazzjoni u ma jiddeterminax il-prezz finali. Is-suq tal-UE fl-ebda ċirkustanza ma jkun magħluq għall-operaturi barranin.

Madankollu, l-oġġettiv bażiku tal-proposta huwa li jinkiseb ċertu ingranaġġ sabiex jinfetħu s-swieq tal-akkwist pubbliku fin-negożjati kummerċjali u b'hekk jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fl-aċċess għas-swieq fl-akkwist pubbliku. Għalhekk, is-suġġeriment tar-rapporteur ikun li jinżamm ukoll il-mekkaniżmu oriġinali li temporanjament jillimita l-aċċess għall-prodotti u/jew is-servizzi mill-pajjiż terz għas-suq tal-akkwist pubbliku tal-UE, kif propost mill-Kummissjoni fil-proposta tagħha tal-2012 u approvat mill-Parlament f'Jannar 2014.

Barra minn hekk, l-Istati Membri jissuġġerixxu liema entitajiet tal-akkwist ikunu jimplementaw il-miżura, sabiex ikun żgurat li ma jaqax fuq l-iżgħar entitajiet b'kapaċitajiet amministrattivi aktar limitati. Filwaqt li dan huwa għan validu, ir-regolament irid jiġi implimentat b'mod uniformi fis-suq intern kollu kemm hu. Inkella, dan jista' jwassal għal frammentazzjoni fis-suq uniku u jista' jintilef l-ingranaġġ.

Element ieħor hu li l-penali fuq il-prezz ma tibqax tapplika għall-pajjiż kollu fejn il-Kummissjoni tkun identifikat diskriminazzjonijiet fil-konfront ta' offerenti mill-UE. Ikun possibbli li jiġu indirizzati territorji fil-livell reġjonali jew lokali, bħal stati, reġjuni jew muniċipalitajiet. L-oġġettiv huwa li ssir distinzjoni bejn it-territorji u l-entitajiet subċentrali jiġu mħeġġa jiftħu l-proċeduri tal-akkwist tagħhom għal offerenti mill-UE.

Punt ieħor tal-proposta riveduta tal-2016 huwa allokazżjoni aktar ċara tal-oneru tal-provi. Kumpaniji u prodotti b'aktar minn 50 % tal-valur tal-offerta li joriġinaw minn pajjiż b'miżuri diskriminatorji kkonfermati kontra kumpaniji, prodotti jew servizzi mill-UE jkunu soġġetti għall-miżura. Ikun preżunt li operaturi ekonomiċi minn pajjiż ikkonċernat se jipprovdu prodotti u servizzi fil-mira. L-oneru tal-provi jkun fuq l-offerent minn dak il-pajjiż, u mhux l-awtorità kontraenti, li juri li l-offerta mhux se tikkonsisti f'tali prodotti jew servizzi mmirati. Il-proposta oriġinali kienet tinsinwa li l-piż f'dan ir-rigward jintefa' fuq l-awtoritajiet kontraenti.

Skont l-approċċ tal-Kummissjoni għat-trasparenza fil-politika kummerċjali, ġie propost ukoll li jiġu ppubblikati l-konklużjonijiet tal-investigazzjonijiet tal-Kummissjoni li jidentifikaw l-ostakli għal offerti f'pajjiżi terzi. L-effett tax-xandir tal-ismijiet u ċ-ċanfir pubbliku ("naming and shaming") għandu joħloq dinamika ġdida favur l-eliminazzjoni ta' dawn l-ostakli. Ukoll, sabiex itejbu sitwazzjoni problematika għandhom isiru pubbliċi l-miżuri meħuda minn pajjiżi terzi. Din il-bidla hija apprezzata.

Inklużjoni ta' xi wħud mill-emendi tal-Parlament:

Minbarra l-esklużjoni tal-pajjiżi l-inqas żviluppati mill-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta, il-pajjiżi li qed jiżviluppaw u SMEs huma esklużi wkoll. Barra minn hekk, diversi Stati Membri u l-Parlament jqisu li l-pilastru deċentralizzat – li jipprevedi li l-awtoritajiet kontraenti jkollhom il-possibbiltà li jeskludu offerenti barranin milli jipparteċipaw fl-offerti tagħhom – jissogra li jifframmenta s-suq intern. Il-proposta riveduta telimina kompletament din il-possibbiltà.

It-talbiet tal-Parlament mhux inklużi:

Din tikkonċerna l-kunsiderazzjoni ta' kwistjonijiet ambjentali, tax-xogħol jew soċjali fil-valutazzjoni ta' reċiproċità, jew it-talba tal-Parlament għal klawżola ta' rieżami li tippermetti evalwazzjoni ta' jekk ir-regolament jikkontribwixxix għal iżjed ftuħ tas-swieq tal-akkwist pubbliku jew jekk huwiex strument protezzjonista. Ikun inopportun li r-regolament kollu kemm hu jiġi rifjutat fuq din il-bażi; madankollu, il-Parlament issuġġerixxa li tiġi inkorporata klawżola ta' rieżami li tobligja lill-Kummissjoni tivvaluta l-impatt tar-regolament, wara li jkun daħal fis-seħħ u jkun ġie applikat għal għadd ta' snin definit minn qabel, u tirvedih kif xieraq. Għall-istess raġuni, il-Parlament issuġġerixxa li l-applikazzjoni ta' kwalunkwe miżura restrittiva meħuda permezz ta' att ta' implimentazzjoni tkun limitata għal massimu ta' 5 snin (bħal fil-każ tad-dispożizzjonijiet fir-regolamenti għad-difiża tal-kummerċ tal-UE) sabiex jiġi evitat li dawn il-miżuri jirriżultaw f'għeluq permanenti tas-suq. Talba addizzjonali li tqieset biss marġinalment hija t-tqassir tal-perjodu ta' żmien għall-investigazzjonijiet. Il-Parlament talab għal tqassir tal-perjodu għall-konklużjoni tal-investigazzjoni sa tliet xhur bil-possibbiltà ta' estensjoni ta' xahar. Il-Kummissjoni qassret il-perjodu minn disa' xhur għal tmienja, filwaqt li żiedet il-possibbiltà ta' estensjoni minn tlieta għal erba' xhur, li fir-realtà jħalli ż-żmien għall-investigazzjoni kif inhu.

Evoluzzjoni tad-diskussjonijiet mill-2018 'l hawn:

Wara l-preżentazzjoni ta' abbozz ta' rapport emendat fil-Kumitat INTA fi Frar 2018 u l-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-emendi f'Marzu/April 2018, ix-xogħol fuq id-dossier waqaf f'Mejju 2018 minħabba l-imblokk fit-tul tad-dossier fil-Kunsill. Mill-perspettiva tar-rapporteur u bi qbil max-shadow rapporteurs, ma kienx ikun konstruttiv li jiġġedded il-mandat tal-Parlament għan-negozjati tat-trilogu, minħabba n-nuqqas ta' kwalunkwe perspettiva vijabbli ta' progress fil-Kunsill.

Minħabba l-waqfa għall-elezzjoni fl-2019, il-fajl sar parti mill-ħidma mhux mitmuma tal-Parlament preċedenti (l-Artikolu 240). B'mod parallel, l-Istati Membri appellaw ripetutament għal impetu ġdid u ħeġġew l-adozzjoni ta' pożizzjoni komuni dwar l-istrument tal-akkwist pubbliku (konklużjoni tal-Kunsill Ewropew tat-22 ta' Marzu 2019/02 ta' Ottubru 2020), li ma kisbitx riżultati tanġibbli fil-Kunsill. F'April 2021, wara ħidma preparatorja dettaljata taħt il-Presidenzi tal-Finlandja, il-Kroazja u l-Ġermanja, il-Presidenza Portugiża ppreżentat lill-Kunsill abbozz ta' pożizzjoni rivedut b'mod sostanzjali, li mmarka bidla fundamentali fil-loġika intrinsika tal-istrument propost. Wara aktar minn disa' snin ta' waqfien, il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar l-istrument tal-akkwist f'Ġunju 2021, biex b'hekk witta t-triq tkompli l-ħidma fuq id-dossier fil-Kumitat INTA, abbażi ta' abbozz ta' rapport ġdid ippreżentat mir-rapporteur.

Ir-rapporteur jappoġġja t-tbeġħid sinifikanti mil-loġika tal-proposta tal-Kummissjoni tal-2016, indikata mill-approċċ iċċentrat fuq l-offerent minflok disinn ibbażat fuq l-offerti. B'din il-

bidla fundamentali qed jiġu evitati d-diffikultajiet preċedenti biex tiġi stabbilita l-orijini ta' prodotti, servizzi, xogħlijiet u konċessjonijiet. Il-kumplessità tal-istrument qed titnaqqas filwaqt li l-prattikabbiltà tiegħu qed tissaħħaħ b'mod sostanzjali.

Ir-rapporteur jibqa' tal-fehma li l-miżuri IPI jridu jiġu vvalutati skont l-effikaċja, il-proporzjonalità u l-applikabbiltà tagħhom.

Flimkien ma' miżuri IPI effettivi u effiċjenti, it-tul tal-investigazzjonijiet u l-konsultazzjonijiet huwa deċiżiv għall-valur miżjud ipprovdut mill-istrument. F'dan l-isfond, ġew introdotti perjodi ta' żmien iqsar għaż-żewġ proċeduri, li huma proposti li jkunu sovrapposti aktar milli sussegwenti, biex jiggarantixxu applikazzjoni f'waqtha tal-miżuri IPI mingħajr dewmien bla bżonn.

L-effett ta' ingranaġġ li hemm intenzjonat għall-istrument jista' jiġi derivat mil-livell sa fejn jiġi applikat għall-operaturi ekonomiċi u mill-awtoritajiet tal-akkwist u l-entitajiet akkwirenti. L-enfasi esklużiva fuq il-valur fiss tal-kuntratti ta' akkwist bħala kriterju ta' kejl tiggarrantixxi s-sempliċità u l-effiċjenza tal-istrument.

L-eċċezzjonijiet għar-rekwiżit tal-applikazzjoni tal-istrument huma sostnuti f'ċirkustanzi definiti b'mod strett, jiġifieri f'każijiet fejn (1) ikunu disponibbli biss offerenti minn offerenti minn pajjiżi terzi li jkunu soġġetti għal miżura IPI jew (2) ikun hemm raġunijiet ta' interess pubbliku prevalenti. Eċċezzjonijiet ulterjuri jfixxlu l-oġjettiv ġenerali tal-istrument.

29.10.2021

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess ta' prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi għas-suq intern tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni u l-proċeduri li jappoġġjaw in-negozjati marbuta mal-aċċess tal-prodotti u s-servizzi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist pubbliku ta' pajjiżi terzi (COM(2016)0034 – C8-0018/2016 – 2012/0060(COD))

Rapporteur għal opinjoni(*): Ivan Štefanec

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

F'Marzu 2012, il-Kummissjoni Ewropea adottat l-ewwel proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-hekk imsejjaħ Strument għal Akkwist Internazzjonali (IPI) sabiex tiżdied is-saħħa tal-Unjoni Ewropea f'negozjati kummerċjali internazzjonali, bil-ħsieb li jinkisbu opportunitajiet aħjar ta' aċċess għas-suq għall-operaturi ekonomiċi Ewropej fis-swieq tal-akkwist pubbliku f'pajjiżi terzi.

F'Jannar 2014, il-Parlament Ewropew adotta emendi għall-proposta fil-plenarja u l-kwistjoni ġiet riferuta lura lill-Kumitat responsabbli għal eżami ulterjuri. Il-fajl ġie mblukkat fil-Kunsill u l-Parlament ma kienx involut fin-negozjati tat-trilogu.

Fid-29 ta' Jannar 2016, il-Kummissjoni ressqet proposta emendata. Il-proposta emendata neħħiet xi dispożizzjonijiet b'rilevanza akbar għar-regoli tas-suq intern, partikolarment s-setgħa tal-awtoritajiet kontraenti individwali li jirrifjutaw offerti (l-Artikolu 6 l-antik). Madankollu, anke fil-qafas tal-mekkaniżmu ċentralizzat immexxi mill-Kummissjoni, il-proposta leġiżlattiva taffettwa l-imġiba tal-awtoritajiet kontraenti tal-UE fil-proċeduri ta' akkwist u s-suq intern.

Il-Kumitat IMCO adotta l-opinjoni li ta lill-Kumitat INTA, abbażi tal-proposta emendata tal-Kummissjoni, fis-26 ta' Settembru 2017. Il-Kumitat INTA, min-naħa l-oħra, iddiskuta l-proposta emendata matul l-aħħar leġiżlatura, iżda ddeċieda li jipposponi l-votazzjoni fil-kumitat sakemm ikun hemm aktar ċarezza rigward id-direzzjoni tad-deliberazzjonijiet tal-Kunsill.

Wara snin ta' waqfien, fit-2 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill finalment wasal għal qbil dwar il-mandat ta' negozjar tiegħu. Billi l-kompożizzjoni tal-kumitati involuti (INTA, IMCO) nbidlet

wara l-elezzjonijiet tal-PE tal-2019, il-kumitat ewlieni dwar dan il-fajl, il-Kumitat INTA, iddeċieda li jħejji abbozz ta' rapport ġdid li jqis il-bidliet kuntestwali fil-Parlament u fil-Kunsill. Wara dan, fit-22 ta' Ġunju 2021, il-koordinaturi tal-Kumitat IMCO ddeċidew ukoll li l-Kumitat kellu jabbozza opinjoni ġdida.

Il-Kumitat IMCO jibqa' kumitat assoċjat skont l-Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura fuq għadd limitat ta' kwistjonijiet, inklużi:

A. kompetenza esklużiva dwar

- l-Artikolu 11(2), (3), (4) ġdid: dwar l-applikazzjoni tal-miżuri ta' aġġustament tal-prezzijiet
- l-Artikolu 12(2), (3), (4) ġdid: dwar l-eċċezzjoni għall-miżuri ta' aġġustament tal-prezzijiet
- l-Artikolu 14(3) ġdid: dwar il-proċedura tal-Kumitat
- l-Artikolu 17 ġdid: dwar it-tħassir tal-Artikoli 85 u 86 tad-Direttiva 2014/25/UE

B. kompetenzi kondiviżi dwar

- l-Artikolu 2: Definizjonijiet
- l-Artikolu 9 ġdid: dwar l-awtoritajiet jew l-entitajiet ikkonċernati mill-miżuri meħuda skont l-Artikolu 8
- l-Artikolu 12(1) ġdid: dwar l-eċċezzjonijiet għall-applikazzjoni ta' miżuri ta' aġġustament tal-prezzijiet
- l-Artikolu 13 ġdid dwar l-implimentazzjoni
- l-Artikolu 14(1) ġdid: Proċedura tal-Kumitat
- l-Artikolu 15 ġdid: dwar il-kunfidenzjalità
- l-Artikolu 16 ġdid: dwar ir-rappurtar.

Għaldaqstant, din l-opinjoni tibni fuq l-opinjonijiet adottati mill-Kumitat IMCO fl-2013 u fl-2017 rispettivament, u jinkorpora għadd ta' emendi li jinsabu fihom.

Ir-rapporteur jilqa' l-progress magħmul fil-Kunsill wara tant snin ta' waqfien mill-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni għal Strument ta' Akkwist Internazzjonali (IPI) fl-2012 u l-verżjoni emendata tagħha fl-2016.

Ir-rapporteur qies diversi aspetti tal-mandat ta' negozjar milħuq tal-Kunsill, speċjalment l-oġġettiv li jinħoloq strument li jippermetti lill-UE tillimita jew teskludi, fuq bażi ta' każ b'każ, l-aċċess għas-swieq tal-akkwist pubbliku tagħha minn operaturi ekonomiċi li joriġinaw f'pajjiżi li japplikaw miżuri restrittivi jew diskriminatorji għan-negozji tal-UE, filwaqt li jiġi minimizzat il-piż amministrattiv fuq l-awtoritajiet kontraenti.

L-opinjoni tipproponi li l-effikaċja tar-Regolament tiġi ssimplifikata u mtejbja billi jiġu eliminati l-punti problematiċi mingħajr ma jinħoloq spazju biex ir-Regolament jinqabeż.

Bi qbil mal-approċċ tal-Kunsill, l-opinjoni tipproponi li ssir bidla mill-miżura ta' aġġustament tal-prezzijiet għal miżuri IPI, bl-introduzzjoni ta' limiti għall-esklużjoni ta' offerti. Tappoġġja wkoll approċċ ġdid fir-rigward tal-offerenti, li jippermetti enfasi fuq l-offerti minflok fuq il-prodotti u s-servizzi.

L-opinjoni adottata tnaqqas l-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 12 u tallinjahom ukoll mad-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku, u b'hekk tevita li l-eżenzjonijiet jintużaw b'mod estensiv u mingħajr monitoraġġ suffiċjenti. Tipprevedi wkoll rwol aktar b'saħħtu għall-Kummissjoni billi tawtorizza li ssir oġġezzjoni għal eċċezzjoni li ma tkunx ġustifikata biżżejjed.

Il-proposta tal-Kummissjoni għad-definizzjoni jew il-ħolqien ta' lista ta' awtoritajiet u entitajiet kontraenti kkonċernati minn dan ir-Regolament ġiet ikkunsidrata li se twassal għall-frammentazzjoni tas-suq intern u b'hekk tnaqqas il-kredibbiltà ta' dan l-istrument. L-awtoritajiet kontraenti kollha li jakkwistaw prodotti jew servizzi 'l fuq mil-limitu miftiehem għandhom japplikaw ir-Regolament; għaldaqstant, l-opinjoni tissuġġerixxi li l-Artikolu 9 – dwar l-awtoritajiet u l-entitajiet ikkonċernati – jitħassar.

L-opinjoni adottata ssaħħa ukoll il-pożizzjoni tal-Kummissjoni u l-kompetenzi tagħha fil-proċess deċiżjonali.

Sabiex tiġi żgurata l-effikaċja ta' dan ir-Regolament u jiġu kkoreġuti l-ineffiċjenzi li jista' jkun hemm b'rabta mal-miżuri IPI, l-opinjoni tipproponi klawżola ta' rieżami kull tliet snin.

Fl-aħħar nett, l-opinjoni ppreservat diversi elementi mill-opinjoni adottata fl-2017 b'rabta mal-ġestjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali, il-ħarsien tal-ambjent jew ir-regolamentazzjoni relatata mas-sikurezza.

EMENDI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament Titolu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Proposta emendata għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT
EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-aċċess ta' prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi għas-suq intern tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni u l-proċeduri li jappoġġjaw in-negozjati marbuta mal-aċċess **tal-prodotti** u s-servizzi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist pubbliku ta' pajjiżi terzi

Emenda

Proposta emendata għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT
EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-aċċess ta' **operaturi ekonomiċi**, prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi għas-suq intern tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni u l-proċeduri li jappoġġjaw in-negozjati marbuta mal-aċċess **tal-operaturi ekonomiċi, il-prodotti** u s-servizzi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist pubbliku ta' pajjiżi terzi

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) F'konformità mal-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Unjoni għandha tiddefinixxi u teżerċita politiki u azzjonijiet komuni, u ttejjeb il-kooperazzjoni fl-oqsma kollha tar-relazzjonijiet internazzjonali sabiex, *inter alia*, tħeġġeġ l-integrazzjoni tal-pajjiżi kollha fl-ekonomija dinjija, inkluż permezz tal-abolizzjoni progressiva tar-restrizzjonijiet fuq il-kummerċ internazzjonali.

Emenda

(1) F'konformità mal-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Unjoni għandha tiddefinixxi u teżerċita politiki u azzjonijiet komuni, u ttejjeb il-kooperazzjoni fl-oqsma kollha tar-relazzjonijiet internazzjonali sabiex, *inter alia*, tħeġġeġ l-integrazzjoni tal-pajjiżi kollha fl-ekonomija dinjija, inkluż permezz tal-abolizzjoni progressiva tar-restrizzjonijiet fuq il-kummerċ internazzjonali, ***tassigura l-iżvilupp sostenibbli u trawwem l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali sostenibbli tal-pajjiżi li qed jivviluppaw, bl-għan primarju li jinqered il-faqar.***

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Fil-kuntest tad-WTO u permezz tar-relazzjonijiet bilaterali tagħha, l-Unjoni saħqet fuq ftuħ ambizzjuż tas-swieq internazzjonali tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni u s-sħab kummerċjali tagħha, fi spirtu ta' reċiproċità u benefiċċju reċiproku.

Emenda

(6) Fil-kuntest tad-WTO u permezz tar-relazzjonijiet bilaterali tagħha, l-Unjoni saħqet fuq ftuħ ambizzjuż tas-swieq internazzjonali tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni u s-sħab kummerċjali tagħha, fi spirtu ta' reċiproċità, ***kollaborazzjoni, kooperazzjoni*** u benefiċċju reċiproku.

Emenda 4

Proposta għal regolament

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Bosta pajjiżi terzi jsibuha bi tqila sabiex jiftħu s-swieq tal-akkwist pubbliku u l-konċessjonijiet tagħhom għall-kompetizzjoni internazzjonali jew li jiftħu dawk is-swieq aktar milli diġà għamlu. Bħala rizzultat ta' dan, l-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni jaffrontaw Prattiki restrittivi ***tal-akkwist mingħand*** bosta sħab kummerċjali tal-Unjoni. Dawk il-prattiki restrittivi ***tal-akkwist iwasslu*** għal telf f'opportunitajiet importanti ta' kummerċ.

Emenda

(8) Bosta pajjiżi terzi jsibuha bi tqila sabiex jiftħu s-swieq tal-akkwist pubbliku u l-konċessjonijiet tagħhom għall-kompetizzjoni internazzjonali jew li jiftħu dawk is-swieq aktar milli diġà għamlu. Bħala rizzultat ta' dan, l-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni jaffrontaw Prattiki ***ta' akkwist*** restrittivi u ***politiki protezzjonisti min-naħa*** ta' bosta sħab kummerċjali tal-Unjoni. Dawk il-prattiki ***ta' akkwist*** restrittivi jwasslu għal telf f'opportunitajiet importanti ta' kummerċ, ***u għaldaqstant jenħtieġ li fl-ambitu ta' dan ir-Regolament tiġi stabbilita proċedura biex jiġu evitati żbilanċi fis-swieq tal-akkwist pubbliku ta' pajjiżi terzi.***

Emenda 5

Proposta għal regolament

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) ***Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶ tinkludi biss f'it dispożizzjonijiet dwar id-dimensjoni esterna tal-politika tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikoli 85 u 86. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom kamp ta' applikazzjoni limitat u għandhom jinbidlu.***

Emenda

imħassar

¹⁶ ***Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).***

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Fl-interess taċ-ċertezza legali għall-operaturi ekonomiċi, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti tal-Unjoni u pajjiżi terzi, l-impenji għall-aċċess għas-suq internazzjonali **li ttehd**u mill-Unjoni fil-konfront ta' pajjiżi terzi fil-qasam tal-akkwist pubbliku u l-konċessjonijiet għandhom ikunu riflessi fl-ordni legali tal-UE, u b'hekk **jiżguraw** l-applikazzjoni effettiva tagħhom.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) L-għanijiet **ta' titjib fl-aċċess** tal-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist pubbliku u tal-konċessjonijiet ta' **ċertu** pajjiżi terzi mħarsa minn miżuri jew Prattiki restrittivi u diskriminatorji **tal-akkwist** u li jinżammu kundizzjonijiet ekwi għall-kompetizzjoni fis-suq intern **jeħtieġu li jirreferu għar-regoli** ta' oriġini **nonpreferenzjali stabbiliti fil-leġiżlazzjoni doganali tal-UE, biex b'hekk l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jkunu jafu jekk** il-prodotti u servizzi **ta' pajjiżi terzi li humiex koperti mill-impenji internazzjoni tal-Unjoni.**

Emenda 8

Proposta għal regolament

Emenda

(11) Fl-interess taċ-ċertezza legali għall-operaturi ekonomiċi, **il-konsumaturi**, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti tal-Unjoni u **ta'** pajjiżi terzi, l-impenji għall-aċċess għas-suq internazzjonali **meħuda** mill-Unjoni fir-rigward ta' pajjiżi terzi fil-qasam tal-akkwist pubbliku u l-konċessjonijiet jenħtieġ li ikunu riflessi fl-ordni legali tal-UE, u b'hekk **tiġi żgurata** l-applikazzjoni effettiva **u rigoruża** tagħhom.

Emenda

(12) L-għanijiet **li jiġu indirizzati l-limitazzjonijiet serji u rikorrenti fuq l-aċċess** tal-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist pubbliku u tal-konċessjonijiet ta' **ċerti** pajjiżi terzi mħarsa minn miżuri jew Prattiki **ta' akkwist** restrittivi u diskriminatorji u li jinżammu kundizzjonijiet ekwi għall-kompetizzjoni **u jiġi żgurat ir-rispett għall-istandards ambjentali, soċjali u tax-xogħol** fis-suq intern **jirrikjedu sett ċar ta' regoli** ta' oriġini **għall-operaturi ekonomiċi**, il-prodotti u s-servizzi.

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) L-orìgini ta' servizz **għandha** tkun determinata skont l-orìgini tal-persuna fiżika jew ġuridika li tkun qed tipprovdieh.

Emenda

(14) L-orìgini ta' servizz **jenħtieġ li** tkun determinata skont l-orìgini tal-persuna fiżika jew ġuridika li tkun qed tipprovdieh. ***L-orìgini ta' persuna ġuridika jenħtieġ li titqies li tkun il-pajjiż fejn dik il-persuna ġuridika hija kkostitwita jew organizzata skont il-liġi rispettiva ta' dak il-pajjiż u fejn tkun involuta f'operazzjonijiet kummerċjali sostantivi. Sabiex tiġi evitata l-possibbiltà ta' tidwir mal-miżuri adottati skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni ttipprovi linji gwida dwar il-kriterji tal-operazzjonijiet kummerċjali sostantivi fid-dawl tal-Ftehim Ġenerali tad-WTO dwar il-Kummerċ fis-Servizzi, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u l-ġurisprudenza rispettiva relatata mad-dritt ta' stabbiliment.***

Emenda 9

Proposta għal regolament

Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18a) Bil-ħsieb ta' integrazzjoni xierqa tar-rekwiżiti ambjentali, soċjali u tax-xogħol fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku u tal-ġhoti tal-konċessjonijiet, huwa ta' importanza partikolari li l-Istati Membri, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jieħdu l-miżuri relevanti biex jiżguraw konformità mal-obbligi fl-oqsma tal-liġi ambjentali, soċjali u tax-xogħol li japplikaw fil-post fejn ikun qed isir ix-xogħol jew fejn ikunu qed jingħataw is-servizzi, u li jirriżultaw minn liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi, sew fil-livell nazzjonali u sew fil-livell tal-Unjoni, kif ukoll minn ftehimiet kollettivi, dment li dawn ir-regoli, u l-applikazzjoni tagħhom, ikunu konformi mad-dritt tal-Unjoni. Bl-istess

mod, l-obbligi li jirriżultaw minn ftehimiet internazzjonali ratifikati mill-Istati Membri kollha u elenkati fl-Anness X tad-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a}, l-Anness X tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1b} u l-Anness XIV tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1c} jenħtieġ li japplikaw tul l-eżekuzzjoni ta' kuntratt. Dan hu ta' importanza partikolari peress li l-għadd ta' pajjiżi terzi ma rratifikawx jew mhumiex jimplimentaw uħud mill-konvenzjonijiet internazzjonali msemmija f'dawk l-Annessi, filwaqt li l-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni huma marbuta bihom. Għaldaqstant jenħtieġ li l-istrumenti previsti skont dan ir-Regolament jimmiraw li jrawmu l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet previsti f'dawk id-Direttivi sabiex jagħtuhom effett fil-qafas tal-akkwist pubbliku internazzjonali u jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-suq tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni.

^{1a} *Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-ġħoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1).*

^{1b} *Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).*

^{1c} *Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).*

Emenda 10

Proposta għal regolament

Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) Il-Kummissjoni **għandha** tkun tista', fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba ta' partijiet interessati jew ta' Stat Membru, li, fi kwalunkwe mument, tibda investigazzjoni fir-rigward ta' miżuri jew prattiki restrittivi **tal-akkwist** li allegatament ikunu adottati jew għadhom fis-seħħ f'pajjiż terz. Tali proċeduri investigattivi għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għar-Regolament UE) Nru 654/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Emenda

(19) Il-Kummissjoni **jenħtieġ li** tkun tista', fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba ta' partijiet interessati jew ta' Stat Membru, fi kwalunkwe mument, tibda investigazzjoni **esterna dwar l-akkwist** fir-rigward ta' miżuri jew prattiki **ta' akkwist** restrittivi li allegatament ikunu adottati jew għadhom fis-seħħ f'pajjiż terz, **jekk tqis li investigazzjoni ta' dan it-tip tkun fl-interess tal-Unjoni. B'mod partikolari, jenħtieġ li tqis il-fatt li l-Kummissjoni approvat għadd ta' esklużjonijiet intenzjonati fir-rigward ta' pajjiż terz skont l-Artikolu 6(2) ta' dan ir-Regolament.** Tali proċeduri investigattivi għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għar-Regolament UE) Nru 654/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a}.

^{1a} **Ir-Regolament (UE) Nru 654/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' regoli kummerċjali internazzjonali u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3286/94 li jistabbilixxi l-proċeduri tal-Komunità fil-gasam ta' politika kummerċjali komuni sabiex jiżgura l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Komunità skont ir-regoli internazzjonali tal-kummerċ, b'mod partikolari dawk stabbiliti taħt l-awspiċċi tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 50).**

Emenda 11

Proposta għal regolament

Premessa 19a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(19a) Sabiex jiġi stabbilit jekk huwiex fl-interess tal-Unjoni li tinftaħ investigazzjoni jew jiġu imposti miżuri tal-Istrument għal Akkwist Internazzjonali (IPI), jenħtieġ li titqies varjetà wiesgħa ta' aspetti relatati mal-investigazzjoni u l-konsegwenzi potenzjali tagħha, inklużi l-interessi tal-industrija interna, l-utenti u l-konsumaturi. Jenħtieġ li jingħata prijorità lill-objettiv ġenerali tal-ftuħ tas-swieg ta' pajjiżi terzi u t-titjib tal-opportunitajiet ta' aċċess għas-suq għall-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni sabiex tiġi żgurata reċiproċità fl-aċċess għas-suq. Jenħtieġ li l-Kummissjoni li tqis il-preżenza ta' operaturi ekonomiċi minn pajjiż ikkonċernat fis-suq tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni. Jenħtieġ ukoll li l-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari lis-setturi meqjusa bħala ta' importanza strateġika għas-suq tal-akkwist pubbliku tal-UE.

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(21) Huwa **ta'** importanza **kbira** li l-investigazzjoni titwettaq b'mod trasparenti. Għaldaqstant, rapport dwar is-sejbiet ewlenin tal-investigazzjoni **għalhekk** għandu jkun disponibbli għall-pubbliku.

(21) Huwa **tal-akbar** importanza li l-investigazzjoni titwettaq b'mod trasparenti **u fi żmien raġonevoli**. Għaldaqstant, rapport dwar is-sejbiet ewlenin tal-investigazzjoni għandu jkun disponibbli għall-pubbliku.

Emenda 13

Proposta għal regolament

Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni

(22) Jekk il-konsultazzjonijiet mal-pajjiż ikkonċernat ma jwasslux għal titjib suffiċjenti fl-opportunitajiet għal offerti ta' operaturi ekonomiċi, prodotti u servizzi tal-Unjoni f'perjodu ta' żmien raġonevoli, il-Kummissjoni ***għandha*** tkun kapaċi tadotta, ***fejn xieraq, miżura ta' aġġustament tal-prezzijiet li tapplika għal offerti ppreżentati mill-operaturi ekonomiċi li joriġinaw minn dak il-pajjiż u/jew li tinkludi prodotti u servizzi li joriġinaw f'dak il-pajjiż.***

Emenda 14

**Proposta għal regolament
Premessa 23**

Test propost mill-Kummissjoni

(23) ***Tali miżuri għandhom jiġu applikati biss għall-fini li jevalwaw l-offerti, li jikkonsistu fi prodotti jew servizzi li joriġinaw mill-pajjiż ikkonċernat. Sabiex tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni ta' dawk il-miżuri, jista' wkoll ikun meħtieġ li jkun mmirati ċerti persuni ġuridiċi kkontrollati minn barranin jew bi sjieda barranija li, għalkemm stabbiliti fl-Unjoni Ewropea, mhumiex impenjati f'operazzjonijiet sostantivi ta' negozju li għandhom rabta diretta u effettiva mal-ekonomija ta' mill-inqas Stat Membru kkonċernat. Miżuri xierqa ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbel mal-prattiki restrittivi tal-akkwist li ġew adottati b'reazzjoni għalihom.***

Emenda 15

Proposta għal regolament

Emenda

(22) Jekk il-konsultazzjonijiet mal-pajjiż ikkonċernat ma jwasslux għal titjib suffiċjenti fl-opportunitajiet għal offerti ta' operaturi ekonomiċi, prodotti u servizzi tal-Unjoni f'perjodu ta' żmien raġonevoli, il-Kummissjoni ***jenħtieġ li*** tkun kapaċi tadotta ***miżura IPI fl-għamla ta' esklużjoni minn proċedura ta' offerti jew aġġustament tal-punteġġ.***

Emenda

(23) Sabiex tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni ta' dawk il-miżuri, ***jenħtieġ li jkun possibbli*** wkoll, ***meta*** meħtieġ, li ***jiġu imposti obbligi kuntrattwali addizzjonali fuq kwalunkwe offerent li jkun ingħata kuntratt.***

Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

(24) **Miżuri ta' aġġustament tal-prezzijiet ma għandux ikollhom** impatt negattiv fuq negozjati kummerċjali li jkunu għadhom għaddejjin mal-pajjiż ikkonċernat. Għalhekk, meta pajjiż ikun qed iwettaq negozjati sostantivi mal-Unjoni rigward l-aċċess għas-suq fil-qasam tal-akkwist pubbliku, il-Kummissjoni tista' tissospendi ***l-miżuri*** matul in-negozjati.

Emenda

(24) **Jenħtieġ li miżura IPI adottata fl-ambitu ta' dan ir-Regolament ma jkollhiex** impatt negattiv fuq in-negozjati kummerċjali li jkunu għadhom għaddejjin mal-pajjiż ikkonċernat. Għalhekk, meta pajjiż ikun qed iwettaq negozjati sostantivi mal-Unjoni rigward l-aċċess għas-suq fil-qasam tal-akkwist pubbliku, il-Kummissjoni tista' tissospendi ***dik il-miżura*** matul in-negozjati.

Emenda 16

**Proposta għal regolament
Premessa 25**

Test propost mill-Kummissjoni

(25) **Sabiex tiġi ssimplifikata l-applikazzjoni ta' miżura ta' aġġustament tal-prezzijiet mill-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti, għandu jkun hemm preżunzjoni li l-operaturi ekonomiċi kollha li joriġinaw minn pajjiż terz fil-mira li miegħu ma jkun hemm l-ebda ftehim dwar l-akkwist pubbliku se jkun suġġett għal miżura, sakemm ma jkunux jistgħu juru li inqas minn 50% tal-valur totali tal-offerta tagħhom huwa magħmul minn prodotti jew servizzi li joriġinaw fil-pajjiż terz ikkonċernat.**

Emenda

imħassar

Emenda 17

**Proposta għal regolament
Premessa 26**

Test propost mill-Kummissjoni

(26) **L-Istati Membri huma fl-aħjar pożizzjoni biex jidentifikaw l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti jew il-kategoriji ta' awtoritajiet kontraenti jew**

Emenda

imħassar

entitajiet kontraenti, li għandhom japplikaw il-miżura ta' aġġustament tal-prezzijiet. Sabiex jiżguraw li jkun hemm livell xieraq ta' azzjoni u li jkun hemm tqassim ġust tal-piż fost l-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tiegħu deċiżjoni finali, abbażi ta' lista ppreżentata minn kull Stat Membru. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni tista' tistabilixxi lista fuq inizjattiva tagħha stess.

Emenda 18

Proposta għal regolament Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni

(27) Huwa ta' importanza vitali li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jkollhom aċċess għal varjetà ta' prodotti ta' kwalità għolja li jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom ta' akkwist bi prezz kompetittiv. **Għalhekk** l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti **għandhom ikunu** jistgħu ma japplikawx **il-miżuri ta' aġġustament tal-prezzijiet** li **jillimitaw** l-aċċess għal prodotti u servizzi li mhumiex koperti f'każ li **ma jkunx hemm prodotti jew servizzi tal-Unjoni u/jew prodotti u servizzi koperti disponibbli** li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti **sabiex jitħarsu ħtiġijiet pubbliċi essenzjali**, pereżempju **fl-oqsma** tas-saħħa u s-sigurtà pubblika, **jew meta l-applikazzjoni tal-miżura twassal għal żieda sproporzjonata fil-prezz jew fl-ispejjeż tal-kuntratt.**

Emenda

(27) Huwa imperattiv li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jkollhom aċċess għal varjetà ta' prodotti ta' kwalità għolja li jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom **mil-lat** ta' akkwist bi prezz kompetittiv **biex jitħares l-interess pubbliku. F'sitwazzjonijiet eċċezzjonali**, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti **jenħtieġ li jkun** jistgħu ma japplikawx **miżura IPA** li **tillimita** l-aċċess għal prodotti u servizzi li mhumiex koperti f'każ li **jkun hemm biss offerti minn operaturi ekonomiċi li joriġinaw fil-pajjiż soġġett għal miżura IPA jew tali offerti biss** jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti **jew fejn raġunijiet prevalenti relatati mal-interess pubbliku jrendu l-għoti ta' kuntratt indispensabbli**, pereżempju **f'każijiet relatati mal-emerġenzi** tas-saħħa, **id-diżastri naturali** u s-sigurtà pubblika. **Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, fejn vaċċini jew tagħmir ta' emerġenza meħtieġa b'urġenza jistgħu jinxtrow biss minn operatur ekonomiku li għalih japplikaw miżuri IPI. L-applikazzjoni ta' dawn l-eċċezzjonijiet jenħtieġ li tirrikjedi l-approvazzjoni tal-Kummissjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi notifikata b'tali eċċezzjonijiet fil-ħin u b'mod komprensiv**

sabiex ikun jista' jsir monitoraġġ xieraq tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżviluppa linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-eċċezzjonijiet biex tiżgura li dawn jiġu applikati b'mod armonizzat fl-Istati Membri kollha u tiġi evitata kwalunkwe ċirkomvenzjoni.

Emenda 19

Proposta għal regolament

Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni

(28) F'każ ta' applikazzjoni ħażina mill-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti tal-eċċezzjonijiet għall-miżuri **ta' aġġustament tal-prezzijiet** li **jillimitaw** l-aċċess ta' prodotti u servizzi mhux koperti, il-Kummissjoni **għandha** tkun tista' tapplika l-mekkaniżmu korrettiv tal-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 89/665/KEE²⁰ jew l-Artikolu 8 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/13/KEE²¹. Barra minn hekk, il-kuntratti konklużi ma' operatur ekonomiku minn awtoritajiet kontraenti jew entitajiet kontraenti bi ksur ta' miżuri **ta' aġġustament tal-prezzijiet** li jillimitaw l-aċċess għal prodotti u servizzi mhux koperti **għandhom ikunu** ineffettivi.

²⁰ Id-Direttiva tal-Kunsill 89/665/KEE dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' reviżjoni għall-ġħoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi (ĠU L 395, 30.12.1989, p. 33).

²¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/13/KEE li tikkoordina l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw għall-applikazzjoni tar-regoli Komunitarji dwar il-proċeduri ta' akkwist ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u t-telekomunikazzjoni

Emenda

(28) F'każ ta' applikazzjoni ħażina mill-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti tal-eċċezzjonijiet għall-miżuri **IPI** li **jillimitaw** l-aċċess ta' prodotti u servizzi mhux koperti, il-Kummissjoni **jenħtieġ li** tkun tista' tapplika l-mekkaniżmu korrettiv tal-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 89/665/KEE²⁰ jew l-Artikolu 8 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/13/KEE²¹. Barra minn hekk, il-kuntratti konklużi ma' operatur ekonomiku minn awtoritajiet kontraenti jew entitajiet kontraenti bi ksur ta' miżuri **IPI** li jillimitaw l-aċċess għal prodotti u servizzi mhux koperti **jenħtieġ li jkunu** ineffettivi.

²⁰ Id-Direttiva tal-Kunsill 89/665/KEE dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' reviżjoni għall-ġħoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi (ĠU L 395, 30.12.1989, p. 33).

²¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/13/KEE li tikkoordina l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw għall-applikazzjoni tar-regoli Komunitarji dwar il-proċeduri ta' akkwist ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u t-telekomunikazzjoni

Emenda 20

Proposta għal regolament Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni

(30) Il-proċedura ta' eżami **għandha** tintuża għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-adozzjoni, irtirar jew sospensjoni, jew is-sospensjoni jew id-dħul mill-ġdid **ta' l-miżura ta' aġġustament tal-prezzijiet**.

Emenda

(30) Il-proċedura ta' eżami **jenħtieġ li** tintuża għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-adozzjoni, irtirar jew sospensjoni, jew is-sospensjoni jew id-dħul mill-ġdid **tal-miżuri IPI**.

Emenda 21

Proposta għal regolament Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni

(33) Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, huwa meħtieġ u xieraq, sabiex jitwettaq l-għan fundamentali ta' stabbiliment ta' politika esterna komuni fir-rigward ta' swieq pubbliċi, li jkunu stabbiliti regoli komuni marbuta mat-trattament ta' offerti li jinkludu prodotti u servizzi li mhumiex koperti mill-impjenji internazzjonali tal-Unjoni. Dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu l-għanijiet fil-mira, skont **ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 5** tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Emenda

(33) Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, huwa meħtieġ u xieraq, sabiex jitwettaq l-għan fundamentali ta' stabbiliment ta' politika esterna komuni fir-rigward ta' swieq pubbliċi, li jkunu stabbiliti regoli komuni marbuta mat-trattament **għust** ta' offerti li jinkludu prodotti u servizzi li mhumiex koperti mill-impjenji internazzjonali tal-Unjoni. Dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu l-għanijiet fil-mira, skont **l-Artikolu 5(4)** tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Emenda 22

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi miżuri maħsuba biex itejbu l-aċċess tal-operaturi ekonomiċi, tal-prodotti u *s-servizzi* tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist pubbliku u tal-konċessjonijiet tal-pajjiżi terzi. Huwa jistabbilixxi l-proċeduri biex il-Kummissjoni tinvestiga miżuri jew prattiki tal-akkwist allegatament restrittivi u diskriminatorji adottati jew miżmuma minn pajjiżi terzi kontra operaturi ekonomiċi, prodotti u servizzi tal-Unjoni, u tikkonsulta mal-pajjiżi terzi kkonċernati.

Emenda

Dan ir-Regolament jistabbilixxi miżuri maħsuba biex ***jiżguraw li s-suq internazzjonali tal-akkwist joffri kundizzjonijiet ekwi u biex*** itejbu l-aċċess tal-operaturi ekonomiċi, tal-prodotti u ***tas-servizzi*** tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist pubbliku u tal-konċessjonijiet tal-pajjiżi terzi ***billi jindirizzaw il-miżuri jew il-prattiki ta' pajjiżi terzi li jirriżultaw f'indeboliment serju u rikorrenti tal-aċċess***. Huwa jistabbilixxi l-proċeduri biex il-Kummissjoni tinvestiga miżuri jew prattiki tal-akkwist allegatament restrittivi u diskriminatorji adottati jew miżmuma minn pajjiżi terzi kontra operaturi ekonomiċi, prodotti u servizzi tal-Unjoni, u tikkonsulta mal-pajjiżi terzi kkonċernati.

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Huwa jipprevedi l-possibbiltà li jiġu applikati miżuri ***ta' aġġustament tal-prezzijiet ta'*** ċerti offeriti għal kuntratti bil-għan li jitwettqu x-xogħlijiet jew biċċa xogħol, għall-provvista ta' prodotti u/jew il-forniment ta' servizzi u għall-konċessjonijiet, fuq il-bażi tal-orijini tal-operaturi ekonomiċi, ***il-prodotti jew is-servizzi*** kkonċernati. .

Emenda

Huwa jipprevedi l-possibbiltà li jiġu applikati miżuri ***IPi*** lil ***proċeduri ta' akkwist, miżuri IPi fl-għamla ta' aġġustament tal-punteġġ jew fl-għamla ta' esklużjoni minn ċerti offeriti*** għal kuntratti bil-għan li jitwettqu x-xogħlijiet jew biċċa xogħol, għall-provvista ta' prodotti u/jew il-forniment ta' servizzi u għall-konċessjonijiet, fuq il-bażi tal-orijini tal-operaturi ekonomiċi kkonċernati

Emenda 24

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

2. Dan ir-Regolament għandu japplika **għall-kuntratti** koperti mill-atti li ġejjin:

Emenda

2. Dan ir-Regolament għandu japplika **għall-proċeduri ta' akkwist** koperti mill-atti li ġejjin:

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Dan ir-Regolament japplika biss **fir-rigward ta' miżuri jew prattiki ta' akkwist restrittivi u/jew diskriminatorji implimentati minn pajjiż terz fir-rigward ta' xiri ta' prodotti u servizzi mhux koperti**. L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun mingħajr preġudizzju għall-ebda obbligu internazzjonali tal-Unjoni.

Emenda

4. Dan ir-Regolament japplika biss **għal proċeduri ta' akkwist koperti minn miżuri IPI u varati bejn id-dħul fis-seħħ ta' dawk il-miżuri IPI u l-iskadenza, l-irtirar jew is-sospensjoni tagħhom**. L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun mingħajr preġudizzju għall-ebda obbligu internazzjonali tal-Unjoni.

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. **L-Istati Membri u l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti tagħhom ma għandhomx japplikaw miżuri restrittivi fir-rigward ta' operaturi ekonomiċi, prodotti u servizzi minn pajjiżi terzi lil hinn minn dawk previsti f'dan ir-Regolament.**

Emenda

imħassar

Emenda 27

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. *L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri adegwati biex jiżguraw li fl-eżekuzzjoni ta' kuntratti pubbliċi, l-operaturi ekonomiċi jirrispettaw l-obbligi applikabbli fl-oqsma tal-liġi ambjentali, soċjali u tax-xogħol stabbiliti mil-liġi tal-Unjoni, mil-liġi nazzjonali, minn ftehimiet kollettivi jew mid-dispożizzjonijiet tal-konvenzjonijiet ambjentali u soċjali internazzjonali elenkati fl-Anness X tad-Direttiva 2014/23/UE, l-Anness X tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Anness XIV tad-Direttiva 2014/25/UE u mill-Ftehim ta' Pariġi, biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fir-rigward ta' prodotti u servizzi koperti u mhux koperti.*

Emenda 28

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) "operatur ekonomiku" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika jew entità pubblika jew grupp ta' persuni u/jew entitajiet bħal dawn, inkluża kwalunkwe assoċjazzjoni temporanja ta' impriżi, li joffru l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet u/jew xogħol, il-forniment ta' prodotti jew il-forniment ta' servizzi fis-suq;

(a) "operatur ekonomiku" tfisser "operatur ekonomiku" kif definit fl-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2014/23/UE, l-Artikolu 2(10) tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Artikolu 2(6) tad-Direttiva 2014/25/UE;

Emenda 29

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) "offerent" tfisser operatur

ekonomiku li jkun issottometta offerta;

Emenda 30

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ab (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ab) "miżura ta' aġġustament tal-punteġġ" tfisser it-tnaqqis relattiv b'perċentwal partikolari tal-punteġġ ta' offerta li jirriżulta mill-evalwazzjoni tagħha min-naħa ta' awtorità jew entità kontraenti abbażi tal-kriterji tal-ġhoti tal-kuntratt definiti fid-dokumenti tal-akkwist; f'każijiet fejn il-prezz jew l-ispiża jikkostitwixxu l-uniku kriterju għall-ġhoti tal-kuntratt, il-miżura ta' aġġustament tal-punteġġ tfisser iż-żieda relattiva, għall-fini tal-evalwazzjoni tal-offerti, b'perċentwal partikolari tal-prezz jew l-ispiża proposti minn offerent;

Emenda 31

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) "akkwist mhux kopert" tfisser proċedura ta' akkwist għal prodotti, servizzi, xogħlijiet jew konċessjonijiet li fir-rigward tagħhom l-Unjoni ma tkunx ħadet impenji ta' aċċess għas-suq fl-ambitu ta' ftehim internazzjonali fil-gasam tal-akkwist jew tal-konċessjonijiet;

Emenda 32

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fa) "miżura IPI" tfisser miżura adottata mill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament fl-għamla ta' miżura ta' aġġustament tal-punteġġ applikabbli għal offerta jew fl-għamla ta' esklużjoni ta' offerta mis-suq tal-akkwist jew tal-konċessjonijiet tal-Unjoni;

Emenda 33

Proposta għal regolament Artikolu 9

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 9

imħassar

L-awtoritajiet jew l-entitajiet ikkonċernati Il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-awtoritajiet jew l-entitajiet kontraenti jew il-kategoriji ta' awtoritajiet jew entitajiet kontraenti, elenkati mill-Istat Membru, li l-akkwist tagħhom ikun ikkonċernat mill-miżura. Biex tiġi pprovduta l-bażi għal din id-determinazzjoni kull Stat Membru għandu jippreżenta lista ta' awtoritajiet jew entitajiet kontraenti adatti jew kategoriji ta' awtoritajiet jew entitajiet kontraenti. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jkun hemm livell xieraq ta' azzjoni u li jkun hemm tqassim ġust tal-piż fost l-Istati Membri.

Emenda 34

Proposta għal regolament Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

[...]

imħassar

Emenda 35

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Awtoritajiet kontraenti u entitajiet kontraenti jistgħu jiddeċiedu li, fil-qafas tal-proċedura tal-akkwist jew ta' konċessjoni, ma japplikawx ***il-miżura ta' aġġustament tal-prezzijiet*** jekk:

Emenda

1. Awtoritajiet kontraenti u entitajiet kontraenti jistgħu, ***fuq bażi eċċezzjonali***, jiddeċiedu li, fil-qafas tal-proċedura tal-akkwist jew ta' konċessjoni, ma japplikawx ***il-miżuri IPI previsti f'dan ir-Regolament*** jekk:

Emenda 36

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) ma jkunx hemm disponibbli prodotti jew servizzi tal-Unjoni u/jew li huma koperti li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti; jew

Emenda

imħassar

Emenda 37

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(aa) ikun hemm biss offerti minn operaturi ekonomiċi li joriġinaw mill-pajjiż soġġett għal miżuri IPI, jew dawn l-offerti biss ikunu jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-offerta;

Emenda

Emenda 38

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) l-applikazzjoni tal-miżura twassal għal żieda sproporzjonata fil-prezz jew fl-ispejjeż tal-kuntratt.

imħassar

Emenda 39

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) ikun hemm raġunijiet prevalenti b'rabta mal-interess pubbliku skont id-Direttiva 2014/24/UE li jiġġustifikaw tali deċiżjoni.

Emenda 40

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Fejn awtorità kontraenti jew entità kontraenti jkollha l-intenzjoni li ma tapplikax miżura **ta' aġġustament tal-prezzijiet, hija għandha tindika dan fin-notifika ta' kuntratt li tippubblika skont l-Artikolu 49 tad-Direttiva 2014/24/UE jew l-Artikolu 69 tad-Direttiva 2014/25/UE jew fin-notifika tal-konċessjoni skont l-Artikolu 31 tad-Direttiva 2014/23/UE. Għandha** tinnnotifika lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn **għaxart ijiem kalendarji wara l-pubblikazzjoni tan-notifika** tal-kuntratt.

2. Fejn awtorità kontraenti jew entità kontraenti jkollha l-intenzjoni li ma tapplikax miżura **IPI, għandha** tinnnotifika lill-Kummissjoni **mingħajr dewmien u, fi kwalunkwe każ,** sa mhux aktar tard minn **tletin jum qabel l-għoti** tal-kuntratt, **u tagħti ġustifikazzjoni dettaljata dwar l-użu tal-eċċezzjoni.**

Emenda 41

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) ir-raġuni li fuqha hija bbażata d-deċiżjoni li ma tiġix applikata miżura **ta' aġġustament tal-prezzijiet**, u l-ġustifikazzjoni ddettaljata għall-użu tal-eċċezzjoni;

Emenda

(d) ir-raġuni li fuqha hija bbażata d-deċiżjoni li ma tiġix applikata l-miżura **IPI**, u l-ġustifikazzjoni ddettaljata għall-użu tal-eċċezzjoni;

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Kwalunkwe talba għal eċċezzjoni bbażata fuq dan l-Artikolu tirrikjedi l-approvazzjoni tal-Kummissjoni qabel l-għoti tal-kuntratt.

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3b. Il-Kummissjoni tista' toġġezzjona għal talba għal eċċezzjoni għal miżura IPI jekk in-notifika ma jkollhiex ġustifikazzjoni ddettaljata biżżejjed. Il-Kummissjoni għandha tinforma bid-deċiżjoni tagħha lill-awtorità kontraenti jew lill-entità kontraenti mingħajr dewmien żejjed.

Emenda 44

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Fil-każ li awtorità kontraenti jew entità kontraenti twettaq proċedura nnegożjata mingħajr pubblikazzjoni preċedenti, skont l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/24/UE jew skont l-Artikolu 50 tad-Direttiva 2014/25/UE u tiddeċiedi li ma tapplikax miżura ta' aġġustament tal-prezzijiet, hija għandha tindika dan fin-notifika tal-għoti tal-kuntratt li tippubblika skont l-Artikolu 50 tad-Direttiva 2014/24/UE jew l-Artikolu 70 tad-Direttiva 2014/25/UE jew fin-notifika ta' għoti ta' konċessjoni li tippubblika skont l-Artikolu 32 tad-Direttiva 2014/23/UE u tinnotifika lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem kalendarji wara l-pubblikazzjoni tan-notifika tal-għoti tal-kuntratt.

imħassar

In-notifika għandha tinkludi t-tagħrif li ġej:

- (a) l-isem u d-dettalji tal-kuntatt tal-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti;***
- (b) deskrizzjoni tal-prodott tal-kuntratt jew il-konċessjoni;***
- (c) tagħrif dwar l-oriġini tal-operaturi ekonomiċi, il-prodotti u/jew is-servizzi li għandhom jiġu ammessi;***
- (d) il-ġustifikazzjoni ddettaljata għall-użu tal-eċċezzjoni;***
- (e) fejn xieraq, kwalunkwe tagħrif ieħor meqjus b'żonnjuż mill-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti.***

Emenda 45

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Kuntratti konklużi ma' operatur ekonomiku bi ksur tal-miżuri **ta' aġġustament tal-prezzijiet** adottati **jew imdaħħla mill-ġdid mill-Kummissjoni** skont dan ir-Regolament għandhom ikunu **mhux effettivi**.

Emenda

2. Kuntratti konklużi ma' operatur ekonomiku bi ksur tal-miżuri **IPI** adottati skont dan ir-Regolament għandhom ikunu **"ineffettivi" skont it-tifsira tad-Direttiva 89/665/KEE**.

Emenda 46

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Sal-31 ta' Diċembru 2018, u mill-inqas kull tliet snin minn dak iż-żmien 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u dwar il-progress li jkun sar fin-negozjati internazzjonali, skont dan ir-Regolament, fir-rigward tal-aċċess għall-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni għall-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi jew konċessjonijiet fil-pajjiżi terzi. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni, fuq talba tagħha, tagħrif xieraq.

Emenda

Sa... [sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], u mill-inqas kull tliet snin minn dak iż-żmien 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u dwar il-progress li jkun sar fin-negozjati internazzjonali, skont dan ir-Regolament, fir-rigward tal-aċċess għall-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni għall-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi jew konċessjonijiet fil-pajjiżi terzi. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni, fuq talba tagħha, tagħrif xieraq. **Ir-rapport għandu jiġi ppubblikat.**

Emenda 47

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi **database ta' kuntratti ta' akkwist pubbliku jew proċeduri ta' għoti ta' konċessjonijiet ma' pajjiżi terzi fil-livell tal-Unjoni u l-applikazzjoni ta' miżuri IPI skont dan ir-Regolament, abbażi tal-informazzjoni**

Emenda

mibgħuta mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha taġġorna d-database kull sena.

Emenda 48

**Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun sorveljata bil-ħsieb li jiġu identifikati theddidiet għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, tissaħħaħ l-unità tas-suq uniku u/jew jiħarsu d-drittijiet tal-konsumaturi. Dan il-monitoraġġ għandu jintuża biex jiġu evitati, identifikati u rappurtati b'mod adegwat każijiet possibbli ta' frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess, kif ukoll irregolaritajiet serji oħra relatati mal-akkwist. Meta l-awtoritajiet jew l-istrutturi ta' sorveljanza jidentifikaw ksur speċifiku jew problemi sistemiċi, għandu jkollhom is-setgħa jirreferu dawk il-problemi lill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-awditjar, lill-qrati jew lit-tribunali jew lil awtoritajiet jew strutturi oħra xierqa, bħall-ombudsman, il-parlamenti nazzjonali jew il-komitati parlamentari.

Emenda 49

**Proposta għal regolament
Artikolu 17**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 17

imħassar

Emenda tad-Direttiva 2014/25/UE

L-Artikoli 85 u 86 tad-Direttiva 2014/25/UE jkunu rrevokati b'effett mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-

Regolament.

Emenda 50

**Proposta għal regolament
Artikolu 17a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 17a

Rieżami

Sa ... [tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tagħmel rieżami biex tara jekk dan ir-Regolament ikunx għadu joffri biżżejjed kamp ta' applikazzjoni, funzjonalità u effiċjenza biex ikunu jistgħu jinfetħu swieq ġodda tal-akkwist. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta l-konklużjonijiet tagħha lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

Jekk l-għanijiet ta' dan ir-Regolament ma jkunux intlaħqu, il-Kummissjoni għandha tevalwa jekk il-pressjoni fuq pajjiżi terzi li ma jkunux lesti jikkooperaw tissaħħaħx jekk l-Artikoli 85 u 86 tad-Direttiva 2014/25/UE jsiru obbligatorji.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	L-aċċess ta' prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi għas-suq intern tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni u l-proċeduri li jappoġġjaw in-negozjati marbuta mal-aċċess tal-prodotti u s-servizzi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist pubbliku ta' pajjiżi terzi		
Referenzi	COM(2016)0034 – C8-0018/2016 – COM(2012)0124 – C7-0084/2012 – 2012/0060(COD)		
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	INTA 20.4.2012		
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 20.4.2012		
Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	25.10.2012		
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Ivan Štefanec 18.7.2019		
Eżami fil-kumitat	12.7.2021	1.9.2021	11.10.2021
Data tal-adozzjoni	27.10.2021		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: –: 0:	34 0 11	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Alex Agius Saliba, Andrus Ansip, Pablo Arias Echeverría, Alessandra Basso, Brando Benifei, Adam Bielan, Hynek Blaško, Biljana Borzan, Vlad-Marius Botoş, Markus Buchheit, Andrea Caroppo, Dita Charanzová, Deirdre Clune, David Cormand, Carlo Fidanza, Evelyne Gebhardt, Sandro Gozi, Maria Grapini, Svenja Hahn, Virginie Joron, Eugen Jurzyca, Kateřina Konečná, Andrey Kovatchev, Jean-Lin Lacapelle, Maria-Manuel Leitão-Marques, Morten Løkkegaard, Adriana Maldonado López, Antonius Manders, Beata Mazurek, Leszek Miller, Anne-Sophie Pelletier, Miroslav Radačovský, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Ivan Štefanec, Róża Thun und Hohenstein, Tom Vandenkendelaere, Kim Van Sparrentak, Marion Walsmann, Marco Zullo		
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Rasmus Andresen, Maria da Graça Carvalho, Claude Gruffat, Sarah Wiener		

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

34	+
ID	Alessandra Basso, Hynek Blaško, Markus Buchheit, Virginie Joron, Jean-Lin Lacapelle
NI	Miroslav Radačovský
PPE	Pablo Arias Echeverría, Andrea Caroppo, Maria da Graça Carvalho, Deirdre Clune, Andrey Kovatchev, Antonius Manders, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Ivan Štefanec, Róża Thun und Hohenstein, Tom Vandenkendelaere, Marion Walsmann
S&D	Alex Agius Saliba, Brando Benifei, Biljana Borzan, Evelyne Gebhardt, Maria Grapini, Maria-Manuel Leitão-Marques, Adriana Maldonado López, Leszek Miller, Christel Schaldemose
The Left	Kateřina Konečná, Anne-Sophie Pelletier
Verts/ALE	Rasmus Andresen, David Cormand, Claude Gruffät, Kim Van Sparrentak, Sarah Wiener

0	-

11	0
ECR	Adam Bielan, Carlo Fidanza, Eugen Jurzyca, Beata Mazurek
Renew	Andrus Ansip, Vlad-Marius Botoș, Dita Charanzová, Sandro Gozi, Svenja Hahn, Morten Løkkegaard, Marco Zullo

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET LEGALI

KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET LEGALI IL-PRESIDENT

Ref. D(2021) 21627

Is-Sur Bernd Lange
President
Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar l-aċċess ta' prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi għas-suq intern tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni u l-proċeduri li jappoġġjaw in-negozjati marbuta mal-aċċess tal-prodotti u s-servizzi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist pubbliku ta' pajjiżi terzi (COM2016/0034 – C8-0018/2016 – 2012/0060(COD))

Sur President,

Skont il-proċedura msemmija hawn fuq, il-Kumitat għall-Affarijjet Legali ngħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitat tiegħek. Fil-laqgħa tiegħu tad-9 ta' Settembru 2021, iddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta' ittra. Huwa eżamina l-kwistjoni fil-laqgħa tiegħu tal-14 ta' Ottubru 2021 u adotta l-opinjoni f'dik il-laqgħa¹.

Il-proposta għal strument ta' akkwist internazzjonali ġdid għandha tirrifletti l-appell qawwi tal-Unjoni Ewropea għal Prattiki kummerċjali aktar responsabbli, inkluż fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, l-ambjent u l-governanza tajba.

Għodda leġislattiva ewlenija f'dan ir-rigward hija r-rekwiżit għall-kumpaniji li jeżerċitaw id-diliġenza dovuta fil-ktajjen tal-valur tagħhom biex jidentifikaw, jipprevjenu, jimmitigaw, iwaqqfu, u jindirizzaw il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, il-ħsara ambjentali, u l-korruzzjoni. Il-Kunsill Ewropew adotta Konklużjonijiet li jappellaw għal proposta mill-Kummissjoni għal qafas legali tal-UE dwar il-governanza korporattiva sostenibbli, inkluż l-obbligi transsettorjali ta' diliġenza dovuta korporattiva tul il-ktajjen kollha tal-provvista globali (l-1 ta' Diċembru 2020) u l-Kummissjoni Ewropea impenjat ruħha li tressaq proposta leġislattiva

¹ Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Adrián Vázquez Lázara(President), Raffaele Stancanelli(Viċi President), Pascal Arimont, Manon Aubry, Patrick Breyer, Daniel Buda, Caterina Chinnici, Geoffroy Didier, Pascal Durand, Angel Dzhambazki, Daniel Freund (Artikolu 209(7)), Jean-Paul Garraud, Esteban González Pons, Gilles Lebreton, Karen Melchior, Jiří Pospíšil, Marcos Ros Sempere, Nacho Sánchez Amor, Stéphane Séjourné, Axel Voss, Tiemo Wölken, Lara Wolters, Javier Zarzalejos.

għal diliġenza dovuta korporattiva obbligatorja (Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea 2021).

L-aktar importanti, il-Parlament Ewropew adotta b'maġġoranza kbira rapport leġislativ fuq inizjattiva proprja dwar "Id-diliġenza dovuta korporattiva u r-responsabbiltà korporattiva" li jappella għal regoli mandatorji dwar id-diliġenza dovuta korporattiva biex jiġu protetti d-drittijiet tal-bniedem, l-ambjent u l-governanza tajba fil-ktajjen tal-valur u jiġu stabbiliti proposti ċari u ambizzjużi f'dak ir-rigward (l-10 ta' Marzu 2021).

Din ir-risoluzzjoni tiddikjara li "*l-Istati Membri huma mħeġġa biex ma jipprovdux appoġġ mill-istat, inkluż permezz ta' (...) akkwist pubbliku (...) lil impriżi li ma jikkonformawx mal-oġġettivi ta' din id-Direttiva.*" It-tfassil ta' strument ta' akkwist internazzjonali ġdid huwa opportunità biex jinkiseb dan l-oġġettiv tal-Parlament Ewropew u jirrikjedi standards reċiproċi għal pajjiżi terzi f'termini tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, l-ambjent u l-governanza tajba. L-inkorporazzjoni tad-diliġenza dovuta u r-rekwiżiti ta' sostenibbiltà fl-istrument tal-akkwist internazzjonali turi li l-Unjoni Ewropea qegħda fuq quddiem u li l-awtoritajiet pubbliċi tagħha qed imexxu bl-eżempju f'termini ta' sostenibbiltà.

Meta jadotta pożizzjoni b'hal din, il-Parlament Ewropew ikun qed jirrifletti wkoll l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (is-27 ta' April 2016) li tirrakkomanda li r-Regolament "jiżviluppa approċċ aktar ambizzjuż għall-promozzjoni tal-oġġettivi tal-iżvilupp sostenibbli, ir-rispett għad-drittijiet fundamentali u l-protezzjoni tal-konsumatur fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku".

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali għalhekk jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, b'hal l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora r-rekwiżiti li ġejjin fir-rigward tas-sostenibbiltà u d-diliġenza dovuta fir-rapport tiegħu:

- a) l-awtoritajiet kontraenti għandhom jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi li jagħtu l-kuntratti jwettqu d-diliġenza dovuta fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, l-ambjent u l-governanza tajba fil-katina tal-valur kollha tagħhom, b'mod partikolari matul il-prestazzjoni tal-kuntratt tagħhom.
- b) l-awtoritajiet kontraenti għandhom jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi li jagħtu kuntratti ma jikkawżawx jew ma jikkontribwixxux għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem, danni ambjentali, jew korruzzjoni, inkluż barra mill-prestazzjoni tal-kuntratt tagħhom.
- c) fl-għoti ta' kuntratti, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jagħtu prijorità lill-operaturi ekonomiċi li għandhom rekord pożittiv ta' kondotta responsabbli fin-negozju fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, l-ambjent u l-governanza tajba.

Fit-tfassil ta' dawn is-suġġerimenti, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali kkunsidra b'mod xieraq: Ir-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar Governanza korporattiva sostenibbli² u tal-10 ta' Marzu 2021 dwar id-diliġenza dovuta korporattiva u r-responsabbiltà korporattiva³ kif ukoll il-proposti li jmiss tal-Kummissjoni dwar id-Direttiva li temenda d-Direttiva 2013/34/UE, id-Direttiva 2004/109/KE, id-Direttiva 2006/43/KE u r-

² P9_TA(2020)0372

³ P9_TA(2021)0073

Regolament (UE) Nru 537/2014, fir-rigward tar-rappurtar dwar is-sostenibbiltà korporattiva u dwar l-istrument biex jiġu żgurati d-diliġenza dovuta korporattiva u r-responsabbiltà korporattiva.

Dejjem tiegħek,



Vázquez Lázara

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

Titolu	L-aċċess ta' prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi għas-suq intern tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni u l-proċeduri li jappoġġjaw in-negozjati marbuta mal-aċċess tal-prodotti u s-servizzi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist pubbliku ta' pajjiżi terzi			
Referenzi	COM(2016)0034 – C8-0018/2016 – COM(2012)0124 – C7-0084/2012 – 2012/0060(COD)			
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	29.1.2016			
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	INTA 20.4.2012			
Kumitati mitluba jagħtu opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	DEVE 20.4.2012	EMPL 20.4.2012	ITRE 20.4.2012	IMCO 20.4.2012
	JURI 20.4.2012			
Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni	DEVE 9.11.2021	EMPL 10.9.2021	ITRE 23.2.2016	
Kumitati assoċjati Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 25.10.2012			
Rapporteurs Data tal-ħatra	Daniel Caspary 18.7.2019			
Eżami fil-kumitat	3.12.2019	17.3.2021	1.9.2021	26.10.2021
Data tal-adozzjoni	29.11.2021			
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: –: 0:	36 0 6		
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Barry Andrews, Anna-Michelle Asimakopoulou, Tiziana Beghin, Geert Bourgeois, Saskia Bricmont, Jordi Cañas, Daniel Caspary, Miroslav Číž, Arnaud Danjean, Paolo De Castro, Emmanouil Fragkos, Raphaël Glucksmann, Markéta Gregorová, Roman Haider, Christophe Hansen, Danuta Maria Hübner, Herve Juvin, Karin Karlsbro, Maximilian Krah, Danilo Oscar Lancini, Margarida Marques, Gabriel Mato, Sara Matthieu, Emmanuel Maurel, Carles Puigdemont i Casamajó, Samira Rafaela, Inma Rodríguez-Piñero, Massimiliano Salini, Helmut Scholz, Liesje Schreinemacher, Sven Simon, Dominik Tarczyński, László Trócsányi, Mihai Tudose, Kathleen Van Brempt, Marie-Pierre Vedrenne, Jörgen Warborn, Iuliu Winkler, Jan Zahradil, Juan Ignacio Zoido Álvarez			
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Reinhard Bütikofer, Joachim Schuster			
Data tat-tressiq	6.12.2021			

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

36	+
ID	Roman Haider, Herve Juvin, Maximilian Krah, Danilo Oscar Lancini
NI	Tiziana Beghin, Carles Puigdemont i Casamajó
PPE	Anna-Michelle Asimakopoulou, Daniel Caspary, Arnaud Danjean, Christophe Hansen, Danuta Maria Hübner, Gabriel Mato, Massimiliano Salini, Sven Simon, Jörgen Warborn, Iuliu Winkler, Juan Ignacio Zoido Álvarez
Renew	Barry Andrews, Jordi Cañas, Karin Karlsbro, Samira Rafaela, Liesje Schreinemacher, Marie-Pierre Vedrenne
S&D	Miroslav Číž, Paolo De Castro, Raphaël Glucksmann, Margarida Marques, Inma Rodríguez-Piñero, Joachim Schuster, Mihai Tudose, Kathleen Van Brempt
The Left	Emmanuel Maurel
Verts/ALE	Saskia Bricmont, Reinhard Bütikofer, Markéta Gregorová, Sara Matthieu

0	-

6	0
ECR	Geert Bourgeois, Emmanouil Fragkos, Dominik Tarczyński, Jan Zahradil
NI	László Trócsányi
The Left	Helmut Scholz

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni